# Rapport Analitiku

Nru **06**

MT

# Riskji, sfidi u opportunitajiet fir-rispons tal-politika ekonomika tal-UE għall-kriżi tal-COVID-19

CURIA RATIONUM

IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

2020

# Werrej

Paragrafu

## Sommarju eżekuttiv I-X

## Introduzzjoni 01-04

## Ambitu u approċċ 05-08

## Diversi risponsi nazzjonali ffukaw fuq li jiġu salvati l-impjiegi u n-negozji akkost ta' kollox 09-36

L-impatt ekonomiku tal-lockdowns fost l-Istati Membri u s-setturi kien ivarja 09-13

L-Istati Membri adottaw firxa wiesgħa ta' miżuri fiskali 14-24

Il-miżuri ffukaw prinċipalment fuq il-mitigazzjoni immedjata tal-qgħad u tal-insolvenzi 25-30

Il-miżuri għenu biex jiġu salvati l-impjiegi, iżda rriżultaw f'defiċits kbar 31-36

## L-implimentazzjoni tar-rispons ekonomiku sostanzjali tal-UE għadha għaddejja 37-63

Matul il-kriżi, il-kompetenzi tal-UE f'oqsma li mhumiex marbuta mal-koordinazzjoni monetarja u ekonomika kienu limitati 40-41

Ġiet implimentata rapidament koordinazzjoni ekonomika flessibbli 42-44

L-UE mmobilizzat il-fondi disponibbli u ħolqot xbieki ta' sikurezza ġodda għan-negozji, il-gvernijiet u l-impjegati 45-49

Bl-istrument NextGenerationEU, l-UE pproponiet appoġġ finanzjarju mdaqqas għar-ritorn għal irkupru sostenibbli u reżiljenti 50-59

Xi miżuri finanzjarji ma ġewx implimentati jew għadhom ma laħqux lill-benefiċjarji finali 60-63

## Il-kriżi tiskatta riskji, sfidi u opportunitajiet ġodda għall-koordinazzjoni ekonomika tal-UE 64-94

Riskji li jirriżultaw minn żviluppi ekonomiċi mhux uniformi fl-Istati Membri 65-71

Sfidi għall-oqfsa attwali ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika u dik fiskali 72-77

Strument tal-UE għall-Irkupru: opportunitajiet, riskji u sfidi ġodda 78-94

## Annessi

Anness I – Varjazzjoni fit-telf tal-PDG fost il-pajjiżi matul il-pandemija: spjegazzjoni statistika

Anness II – Reazzjonijiet ekonomiċi prinċipali tal-UE (Marzu-Awwissu 2020)

Anness III – Bidliet relatati mal-COVID-19 għall-baġit tal-UE għall-2020 meta mqabbel mal-baġit inizjali

Anness IV – Ammonti disponibbli taħt l-NGUE

Anness V – Livell ta' implimentazzjoni ta' miżuri finanzjarji differenti tal-UE u tal-MES

Anness VI – Is-sitwazzjoni attwali tar-reazzjoni finanzjarja tal-BEI għall-kriżi tal-COVID-19

Anness VII – Fatturi ewlenin li jispjegaw id-differenzi tal-bidliet fil-proporzjonijiet tad-dejn pubbliku

Anness VIII – Kwistjonijiet relatati mal-obbligu ta' rendikont fi ħdan il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

Anness IX – Ideat preċedenti għal strumenti ta' koordinazzjoni ekonomika aktar ambizzjużi

## Akronimi u abbrevjazzjonijiet

## Glossarju

## Tim tal-QEA

# Sommarju eżekuttiv

**I** Il-pandemija tal-COVID-19 hija l-kriżi globali tas-saħħa ewlenija ta' żmienna, li ġabet magħha taqlib kbir fil-ħajja ta' kuljum u fis-soċjetajiet madwar id-dinja. Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, l-Istati Membri kollha tal-UE ħadu miżuri tas-saħħa pubblika biex iwaqqfu t-tixrid tal-virus u biex jillimitaw iż-żieda fl-għadd ta' mwiet.

**II** Fl-ewwel nofs tal-2020, il-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat telf mhux uniformi - iżda li fil-każijiet kollha kien sostanzjali - fil-PDG fl-Istati Membri kollha. L-impatt ekonomiku ma kienx uniformi minħabba diversi fatturi bħad-differenzi fl-istruttura tal-ekonomiji u fl-istrateġiji tas-saħħa biex tiġi miġġielda l-pandemija, kif ukoll minħabba l-effetti differenti tal-lockdowns fuq is-setturi ekonomiċi.

**III** Dan ir-rapport analitiku għandu l-għan li jipprovdi stampa integrata tar-risponsi prinċipali tal-politika ekonomika fl-UE. Aħna nippreżentaw deskrizzjoni analitika tal-miżuri li tnedew kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri u nidentifikaw ir-riskji, l-isfidi u l-opportunitajiet għall-futur tal-koordinazzjoni ekonomika tal-UE mill-perspettiva tal-awditur estern tal-UE. L-analiżi f'dan ir-rapport analitiku hija bbażata prinċipalment fuq informazzjoni pubblika, imsaħħa mir-riżultati ta' stħarriġ imwettaq mill-awtoritajiet fiskali tal-Istati Membri, permezz ta' intervisti mal-persunal tal-Kummissjoni u referenza għar-rapporti preċedenti tagħna. Aħna ma wettaqniex xogħol tal-awditjar, għalhekk is-sejbiet huma analitiċi aktar milli evalwattivi, u ma nagħmlux rakkomandazzjonijiet.

**IV** Il-gvernijiet adottaw firxa wiesgħa ta' miżuri fiskali diskrezzjonali fuq terminu qasir b'rispons għall-kriżi tas-saħħa u ekonomika. Id-daqs u l-kompożizzjoni tagħhom irriflettew il-ġid relattiv tal-Istati Membri, aktar milli kemm dawn intlaqtu ħażin mill-kriżi. L-Istati Membri ġeneralment adottaw miżuri f'konformità mal-linji gwida tal-UE għall-politika ta' kriżi: il-maġġoranza l-kbira tal-miżuri kienu magħmula minn skemi għaż-żamma tal-impjiegi u minn għajnuna mill-Istat biex jiġi pprovdut appoġġ ta' likwidità għan-negozji. Madankollu, il-kompożizzjoni tal-pakketti fiskali kienet eteroġena fl-Istati Membri kollha. Il-politiki fiskali attwali se jżidu konsiderevolment il-livelli tad-dejn pubbliku, iżda mmitigaw b'mod effettiv ir-riskji ta' qgħad matul il-lockdowns.

**V** Il-kriżi pandemika tista' tamplifika r-riskju ta' diverġenza ekonomika bejn l-Istati Membri. Il-fatturi sottostanti tal-politika jinkludu differenzi f'sitwazzjonijiet fiskali u distorsjonijiet kompetittivi, li jirriżultaw mill-kapaċitajiet differenti tal-Istati Membri biex jużaw miżuri ta' għajnuna mill-Istat. Id-diverġenzi li qed jikbru jistgħu jiġu kkaġunati wkoll minn livell għoli ta' qgħad persistenti, diskrepanzi fl-investiment, u riskji għall-istabbiltà finanzjarja jekk l-impatt ekonomiku jinfirex lejn is-settur finanzjarju.

**VI** Ir-rispons inizjali tal-UE kien jikkonsisti f'miżuri li ttieħdu fi ħdan ir-regoli u l-oqfsa ta' politika eżistenti biex jiġu appoġġati l-isforzi nazzjonali għall-ġestjoni tal-kriżi. L-interventi monetarji rapidi tal-BĊE kienu akkumpanjati mill-użu ta' flessibbiltà disponibbli inkorporata kemm fir-regoli fiskali kif ukoll fir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat eżistenti tal-UE, permezz tal-adozzjoni ta' linji gwida *ad hoc* tal-UE għall-politika ekonomika u tar-riassenjament tal-baġit tal-UE lejn miżuri ta' rispons għall-kriżi (il-pakketti tal-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus). Bħala l-pass li jmiss, inħolqu tliet xbieki ta' sikurezza biex jiġi pprovdut appoġġ fil-forma ta' self immirat lejn il-gvernijiet permezz tal-Kummissjoni ("SURE", jew l-istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza) u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, kif ukoll lejn in-negozji permezz tal-Bank Ewropew tal-Investiment. Matul is-sajf tal-2020, il-Kummissjoni bdiet tħaddem l-istrument SURE, li mistenni jiffinanzja skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar fis-17-il Stat Membru fil-bidu tal-ħarifa tal-2020.

**VII** Sussegwentement, l-UE ħadmet fuq l-iżvilupp ta' strumenti ta' appoġġ akbar biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi ekonomiċi li qed jikbru tal-pandemija. L-akbar miżura kienet in-NextGenerationEU b'valur ta' EUR 750 biljun (li kien għadu ma sarx operazzjonali fiż-żmien meta kkompletajna r-rapport analitiku tagħna). Il-qofol huwa l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li fiha approċċ ġdid ta' nfiq, jiġifieri hija toffri appoġġ li jiddependi mill-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti li jtejbu t-tkabbir aktar milli fuq ir-rimborż ta' spejjeż speċifiċi, hekk kif inhi r-regola għall-fondi SIE jew għal programmi oħra tal-UE. Il-faċilità għandha l-għan li tindirizza r-riskji ta' diverġenza ekonomika u li torbot l-irkupru mal-istrateġiji ekoloġiċi u dawk diġitali tal-UE.

**VIII** Meta mqabbla mar-risponsi tal-Istati Membri u tal-BĊE, il-miżuri finanzjarji l-oħra tal-UE jistgħu jkunu aktar bil-mod fit-twassil tal-appoġġ, billi ġeneralment jinvolvu ftehimiet politiċi u/jew aġġustament mill-ġdid tar-regoli tal-infiq. Il-programmi kienu għadhom fil-proċess biex jiġu aġġustati għas-sitwazzjoni ta' kriżi, li hija r-raġuni għalfejn ma kienx hemm żborżamenti kbar ta' fondi sa tmiem Awwissu 2020. L-assorbiment jiddependi min-natura u l-istruttura tal-istrument ta' appoġġ, u l-kapaċità tal-Istati Membri li jużaw il-fondi skont il-proċeduri u l-kundizzjonijiet tagħhom.

**IX** Is-sett ta’ miżuri fil-livelli tal-Istati Membri u tal-UE joħloq riskji u sfidi għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-UE, l-implimentazzjoni tagħha u l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-UE. Aħna identifikajna dawn ir-riskji u l-isfidi fl-oqsma li ġejjin:

- Il-pakketti fiskali tal-Istati Membri u l-provvista eċċezzjonali ta’ kreditu bankarju jiskattaw sfidi ġodda għall-awtoritajiet tal-UE li huma responsabbli mis-sorveljanza tal-pożizzjonijiet fiskali, is-suq intern, is-swieq tax-xogħol u s-settur finanzjarju;
- L-effettività tal-faċilità ta’ rkupru li għadha kif ġiet proposta tirriskja li tiddgħajjef jekk l-istruttura finanzjarja tagħha ma tkunx adegwata, jekk il-pjanijiet ta’ rkupru ma jkunux iffukati fuq riformi u investimenti li jtejbu t-tkabbir, jekk l-implimentazzjoni ma tkunx f’waqtha, jekk il-livell ta’ assorbiment ikun baxx, jekk il-koordinazzjoni tal-miżuri fil-livelli kollha tkun dgħajfa, jekk l-ippjanar u l-monitoraġġ ma jkunux ibbażati fuq indikaturi sodi jew jekk l-obbligu ta’ rendikont ikun frammentat;
- Il-Kummissjoni se tiffaċċja l-isfida tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju ta’ tranżazzjonijiet tal-UE fuq skala kbira fis-swieq kapitali.

**X** Aħna identifikajna wkoll opportunitajiet li jirriżultaw mir-rispons ekonomiku tal-UE għall-kriżi tal-COVID-19. L-implimentazzjoni tar-rispons finanzjarju tal-UE għall-kriżi ekonomika għadha għaddejja, iżda tista’ tinvolvi rwol imsaħħaħ għall-istituzzjonijiet tal-UE f’dak li jirrigwarda l-ġestjoni tal-irkupru ekonomiku tal-UE. Il-ħolqien ta’ fondi temporanji ġodda bħal SURE u NGEU jippreżenta opportunità biex issir riflessjoni dwar titjib permanenti fil-kapaċità baġitarja tal-UE li tirreaġixxi għal skossi ekonomiċi kbar u timmitiga d-diverġenza ekonomika li tirriżulta fl-Istati Membri kollha tagħha. Dan il-finanzjament addizzjonali huwa wkoll opportunità importanti biex jiġu promossi prijoritajiet tal-UE bħall-iżvilupp sostenibbli u d-diġitalizzazzjoni, jekk l-azzjonijiet jitfasslu b’attenzjoni u jiġu mmonitorjati bir-reqqa fi ħdan is-Semestru Ewropew.

# Introduzzjoni

**01** Il-pandemija tal-COVID-19 waslet fl-UE fi Frar 2020 u nfirxet rapidament fl-Istati Membri kollha, li wassal biex ir-rata ta' mortalità tilħaq il-quċċata tagħha f'April. Din għadha ta' theddida kbira għas-saħħa, kemm fl-Ewropa kif ukoll madwar id-dinja. Sa tmiem Settembru, kienu ġew irrappurtati aktar minn 3 miljun infezzjoni fl-UE, b'għadd traġiku ta' kważi 150 000 każ ta' mwiet. L-Istati Membri implimentaw firxa wiesgħa ta' miżuri ta' lockdown u ta' prevenzjoni, li wasslu għal tnaqqis fil-kontaġju, iżda ż-żieda mill-ġdid fil-każijiet fil-ħarifa tal-2020 reġgħet ħolqot sfidi għas-sistemi tas-saħħa u għal dawk ekonomiċi.

**02** B'kuntrast mal-kriżi finanzjarja globali, li evolviet minn dgħufijiet li kienu żviluppaw fis-settur finanzjarju, l-iskoss ekonomiku attwali jolqot l-ekonomija kollha kemm hi billi jfixkel l-infiq tal-unitajiet domestiċi, l-operazzjonijiet tan-negozji u l-ktajjen tal-provvista globali. Skont it-tbassir[1] tal-Kummissjoni Ewropea, id-diverġenza mill-perkors tat-tkabbir ekonomiku ta' qabel il-pandemija hija sinifikattivament akbar milli kienet matul il-kriżi preċedenti (ara l-***Figura 1***). Il-PDG tal-EU-27 huwa mbassar li jonqos b'7.4 % fl-2020 u jista' ma jerġax lura għal-livell ta' qabel il-kriżi fl-2021, u dan jinvolvi riskju ta' żidiet sinifikanti fl-insolvenzi u tnaqqis fl-impjiegi.

## Figura 1 – Indiċi tal-volum tal-PDG tal-UE (f'perċentwal) (2006-2021)




*Sors:* kalkoli tal-QEA bbażati fuq id-*data* u t-tbassir tal-Kummissjoni għall-ħarifa (sett ta' *data* tal-AMECO).

[1] Tbassir Ekonomiku Ewropew - Ħarifa 2020, Dokument Istituzzjonali 136, Novembru 2020.

**03** Minkejja d-differenzi fin-natura tal-kriżi attwali u dik preċedenti tal-perjodu 2008-2013, hemm korrelazzjoni qawwija bejn it-telf tal-PDG fl-Istati Membri kollha, li jista' joħloq sfidi ġodda għall-konverġenza ekonomika fi ħdan l-UE: pereżempju, il-Greċja, l-Italja u Spanja jidhru li huma fost l-aktar ekonomiji li ntlaqtu severament matul iż-żewġ kriżijiet (ara l-*Figura 2*).

## Figura 2 – Tnaqqis fil-PDG matul il-kriżi tal-perjodu 2008-2013 u l-kriżi tal-2020




*Sors:* kalkolu tal-QEA bbażat fuq id-*data* u t-tbassir tal-Kummissjoni għall-ħarifa 2020 (sett ta' *data* tal-AMECO).

**04** Minn Marzu 2020 'il hawn, l-iskoss ekonomiku tal-lockdowns kien jirrikjedi miżuri ta' politika ekonomika fuq skala kbira fil-livell nazzjonali u f'dak tal-UE b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19 biex jiġi kkumpensat it-telf ta' dħul għan-negozji u għall-unitajiet domestiċi. Wara l-kriżi finanzjarja globali u l-kriżi tad-dejn Ewropea li rriżultat, il-koordinazzjoni ekonomika tal-Istati Membri tal-UE ssaħħet b'leġiżlazzjoni ġdida (eż. is-"six-pack" fl-2011 u t-"two-pack" fl-2013) u b'mekkaniżmi ta' assistenza finanzjarja (eż. l-EFSM u l-MES). Madankollu, b'rispons għall-kriżi pandemika, l-UE kellha tadatta xi wħud mir-regoli eżistenti u toħloq appoġġ finanzjarju ġdid biex tindirizza l-effetti tal-iskoss ekonomiku.

# Ambitu u approċċ

**05** Dan mhuwiex rapport tal-awditjar, iżda huwa rapport analitiku bbażat prinċipalment fuq informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku jew fuq materjal li ngħabar speċifikament għal dan l-iskop. L-objettivi ta' dan ir-rapport analitiku huma tnejn: li jipprovdi ħarsa ġenerali deskrittiva u analiżi oġġettiva tal-miżuri fiskali nazzjonali ewlenin u tal-miżuri ekonomiċi ewlenin tal-UE b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa; li jiġu identifikati r-riskji, l-isfidi u l-opportunitajiet għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-UE, l-implimentazzjoni tagħha u l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-UE.

**06** L-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar il-miżuri adottati fl-UE hija frammentata u mifruxa fuq bosta sorsi u/jew hija nieqsa mill-konsistenza u mill-kwantifikazzjoni sistematika, u dan ifixkel it-tqabbil. Din l-informazzjoni hija importanti wkoll biex tgħin jiġu indirizzati l-kwistjonijiet li jirriżultaw mill-koordinazzjoni u mill-implimentazzjoni tal-politika u biex jiġu analizzati t-tagħlimiet li ttieħdu mir-rispons tal-politika ekonomika għall-kriżi. L-ambitu tar-rapport analitiku jinkludi l-miżuri ekonomiċi li ttieħdu fil-livell tal-UE bejn Marzu u Awwissu 2020 u l-azzjonijiet ta' segwitu materjali li seħħew wara din id-data, kif ukoll il-miżuri fiskali sinifikanti kollha (jiġifieri ogħla minn 0.1 % tal-PDG) li ttieħdu fil-livell nazzjonali bejn Marzu u Ġunju 2020.

**07** Sabiex noħolqu stampa ġenerali komprensiva tal-miżuri, aħna ġbarna *data* konsistenti u kwantifikata dwar il-miżuri tal-UE u dawk nazzjonali abbażi ta' informazzjoni disponibbli għall-pubbliku u informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, peress li ma hemm l-ebda bażi ta' *data* ddedikata biex tiċċentralizza l-miżuri nazzjonali ta' stimolu fiskali u tikkwantifikahom b'mod sistematiku, aħna wettaqna stħarriġ tal-miżuri fiskali kollha li ttieħdu mis-27 Stat Membru b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19, bħala mod biex nimlew il-lakuni fis-sorsi ta' informazzjoni disponibbli. L-istħarriġ jinkludi miżuri nazzjonali li ġew adottati sat-30 ta' Ġunju 2020; għalhekk, ma tqies l-ebda aġġornament tal-ispejjeż għal tali miżuri jew miżuri ġodda oħra li ġew adottati minn dak iż-żmien 'il hawn.

**08** L-istħarriġ ipprovda lill-awtoritajiet fiskali ċentrali b'mudell ta' rappurtar standardizzat li għenna biex niġbru *data* b'mod sistematiku dwar il-miżuri fiskali nazzjonali adottati, inklużi d-deskrizzjoni, it-twaqqit, l-objettiv, l-ispejjeż stmati tal-miżuri għall-2020, kif ukoll biex nikklassifikaw id-*data* abbażi ta' kriterji bħall-impatt baġitarju u ekonomiku. Fejn kien meħtieġ, id-*data* mill-istħarriġ ġiet ikkomplementata b'informazzjoni oħra disponibbli għall-pubbliku (bħall-European Fiscal Monitor, il-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza, il-baġits nazzjonali ppubblikati u t-tħabbiriet

baġitarji). Ir-rapport analitiku jieħu inkunsiderazzjoni wkoll ir-rapporti preċedenti tal-QEA, l-intervisti mal-persunal tal-Kummissjoni, kif ukoll l-opinjonijiet ipprovduti minn grupp ta' esperti rigward ir-robustezza tal-analiżi tagħna u l-formulazzjoni tar-riskji u l-isfidi.

# Diversi risponsi nazzjonali ffukaw fuq li jiġu salvati l-impjiegi u n-negozji akkost ta' kollox

## L-impatt ekonomiku tal-lockdowns fost l-Istati Membri u s-setturi kien ivarja

**09** Il-kawżi tal-kriżi ekonomika attwali huma uniċi fl-istorja moderna. Filwaqt li l-kriżijiet reċenti ġew skattati minn tkabbir mhux sostenibbli fid-domanda u/jew mill-akkumulazzjoni ta' żbilanċi makrofinanzjarji[2], it-tnaqqis kbir attwali fl-output huwa kkawżat mill-effetti tal-pandemija u tal-miżuri ta' politika tas-saħħa kemm fuq id-domanda kif ukoll fuq il-provvista.

**10** Billi l-politiki tas-saħħa huma prinċipalment qasam ta' kompetenza nazzjonali, id-differenzi fil-livell ta' tħejjija tal-Istati Membri matul il-fażijiet inizjali ta' kontaġju tal-marda jistgħu jispjegaw għalfejn il-bidu tar-rispons ta' protezzjoni tas-saħħa għall-pandemija fl-UE kien immarkat minn eżitazzjoni, minn approċċi differenti għal-lockdowns u għall-kontrolli fil-fruntieri, kif ukoll minn lakuna fil-koordinazzjoni tal-miżuri min-naħa tal-Istati Membri.

**11** It-telf stmat fil-PDG, li fil-fatt ġie esperjenzat sa nofs l-2020, juri varjazzjoni konsiderevoli bejn il-pajjiżi fl-UE[3]. Parti sostanzjali minn dawn id-differenzi fost l-Istati Membri matul il-kriżi tal-COVID-19 tista' tkun statistikament korrelatata ma' indiċi tal-istrettezza tal-miżuri ta' konteniment jew ta' tbegħid soċjali u mas-sehem tat-turiżmu fl-ekonomija. L-***Anness I*** juri l-analiżi tar-rigressjoni li wettaqna b'dawn il-varjabbli. Iż-żewġ fatturi ta' spjegazzjoni huma deskritti hawn taħt.

**12** Pereżempju, f'Marzu, l-għeluq fil-Ġermanja kien inqas sever minn dak fl-Italja, fi Franza jew fi Spanja, fejn in-negozji kollha li mhumiex essenzjali kienu mġiegħla jagħlqu, u dan jispjega parzjalment it-tnaqqis akbar fil-PDG f'dawn l-aħħar pajjiżi (ara

---

[2] "Economic Crisis in Europe: Causes, Consequences and Responses" (il-Kummissjoni, 2009).

[3] Stqarrija għall-Istampa Nru 133/2020 tal-Eurostat (it-8 ta' Settembru 2020).

wkoll il-*Figura 3*). Stimi preliminari juru li kull xahar ta' konfinament strett jista' jiswa tnaqqis fit-tkabbir annwali tal-PGD sa massimu ta' 2 punti perċentwali[4].

### Figura 3 – Evoluzzjoni tal-istrettezza tal-miżuri ta' konfinament fl-ewwel nofs tal-2020




*Sors:* Indiċi tal-Istrettezza (l-Università ta' Oxford: https://covidtracker.bsg.ox.ac.uk/).

**13** Id-*data* għall-ewwel nofs tal-2020 turi varjazzjonijiet kbar fl-effetti tal-kriżi fuq is-setturi ekonomiċi (ara l-*Figura 4*). Pereżempju, ċerti setturi tas-servizzi bħat-trasport, il-kummerċ bl-imnut, id-divertiment u l-ospitalità huma partikolarment milquta ħażin minħabba li l-miżuri ta' konteniment (lockdowns, tbegħid soċjali jew projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar) naqqsu d-domanda għal tali servizzi.

[4] https://www.oecd.org/coronavirus/policy-responses/evaluating-the-initial-impact-of-covid-19-containment-measures-on-economic-activity-b1f6b68b/

### Figura 4 – Bidliet fil-volum tal-valur miżjud gross tal-UE fl-ewwel nofs tal-2020




*Nota:* bidliet perċentwali bi tqabbil mal-istess perjodu fis-sena preċedenti.

*Sors:* kalkolu tal-QEA bbażat fuq *data* pprovduta mill-Eurostat.

## L-Istati Membri adottaw firxa wiesgħa ta' miżuri fiskali

**14** Minn Frar 2020 'il hawn, il-politiki fiskali tal-Istati Membri kienu ffukati fuq il-mitigazzjoni tal-impatt fuq terminu qasir tal-lockdowns u tat-tnaqqis fid-domanda fuq l-introjti u l-impjiegi. Filwaqt li jirriflettu mill-qrib ir-rispons għall-kriżi tal-2008, dawn kienu jikkonsistu fl-operat ta' stabilizzaturi awtomatiċi (dħul mit-taxxa, skemi tal-qgħad) u fl-adozzjoni ta' miżuri ta' stimolu baġitarju diskrezzjonali, bħal ħelsien mit-taxxa jew tnaqqis fir-rati, u nfiq eċċezzjonali, inkluż fuq l-appoġġ għall-impjiegi u s-settur tas-saħħa. Barra minn hekk, il-miżuri mhux baġitarji ġew adottati biex jipprovdu likwidità lill-atturi ekonomiċi (self mill-Istat, garanziji għal self, differiment ta' taxxa, eċċ.), li ma għandhomx spiża fiskali diretta.

**15** Sa tmiem Ġunju 2020, l-istħarriġ li wettaqna (ara l-paragrafi *07*, *08*) juri li l-Istati Membri adottaw kważi 1 250 miżura fiskali biex jiġu miġġielda l-effetti ekonomiċi u sanitarji tal-pandemija li jammontaw għal madwar EUR 3.5 triljun (27 % tal-PDG tal-EU-27 stmat għall-2020). Aħna kklassifikajna l-miżuri f'ħames kategoriji prinċipali skont

in-natura tagħhom u l-impatt tagħhom fuq id-deficit (il-*Kaxxa 1*). Il-kompożizzjoni tad-*data* aggregata mill-istħarriġ hija rrappurtata fil-*Figura 5*. Il-garanziji jammontaw għal EUR 2 triljun, jew 59 % tal-miżuri, segwiti mill-miżuri ta' nfiq diskrezzjonali (19 %), l-istrumenti finanzjarji (11 %), il-miżuri ta' ħlas tat-taxxa (6 %) u l-miżuri ta' dħul diskrezzjonali (5 %).

**16** Id-daqs kumplessiv tar-rispons huwa kbir meta mqabbel mal-miżuri diskrezzjonali għall-perjodu 2009-2010 fis-swieq tal-prodotti u tax-xogħol, li kienu jammontaw għal madwar 3 % tal-PDG[5]. Il-kobor tar-rispons attwali huwa aktar komparabbli mad-daqs tal-miżuri diskrezzjonali u tal-miżuri mhux baġitarji (garanziji, self, appoġġ għall-ekwità) li ttieħdu biex jappoġġaw lis-settur finanzjarju matul il-perjodu 2008-2017, li rispettivament kienu stmati għal madwar 4 % u 34 % tal-PDG tal-UE[6].

[5] "Public finances in EMU – 2010" (il-Kummissjoni, 2010), p. 19.

[6] "State aid scoreboard 2018" (il-Kummissjoni, 2019), p. 34.

## Kaxxa 1

### Klassifikazzjoni prinċipali tal-miżuri fiskali fl-istħarriġ li wettaqna

Il-**miżuri ta' nfiq diskrezzjonali** għandhom impatt baġitarju dirett. Dawn il-miżuri jinkludu s-sussidji li jappoġġaw id-dħul tan-negozji jew tal-unitajiet domestiċi, il-miżuri li jappoġġaw l-impjiegi, bħal skemi ta' assenza bil-permess, u nfiq eċċezzjonali fuq l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa, l-investiment kapitali u r-riċerka kif ukoll is-sussidji tar-rata tal-imgħax, il-provvedimenti għal telf ta' kreditu u miżuri oħra ta' nfiq diskrezzjonali. Aħna nirrappurtaw l-ammonti stmati tal-miżuri għas-sena attwali fi tmiem Ġunju.

Il-**miżuri ta' dħul diskrezzjonali** għandhom ukoll impatt baġitarju dirett. Dawn il-miżuri jinkludu l-ħelsien mill-ħlas tat-taxxa u t-tnaqqis fir-rati tat-taxxa, kif ukoll miżuri ta' dħul oħra. Aħna nirrappurtaw l-ammonti stmati tal-miżuri għas-sena attwali fi tmiem Ġunju.

L-**istrumenti finanzjarji** għandhom l-għan li jappoġġaw il-pożizzjoni tal-likwidità jew tas-solvenza tal-intrapriżi permezz ta' self jew injezzjonijiet ta' ekwità, li jkollhom impatt baġitarju indirett jekk fl-aħħar mill-aħħar dawn ma jitħallsux lura bis-sħiħ. Aħna nirrappurtaw l-ammonti tal-pakketti ta' investimenti mħabbra mill-awtoritajiet pubbliċi sa tmiem Ġunju 2020.

Il-**garanziji** għandhom l-għan li jappoġġaw il-pożizzjoni tal-likwidità tal-intrapriżi permezz ta' wegħda mill-gvern li jħallas lura d-dejn garantit mogħti minn istituzzjoni finanzjarja f'każ ta' inadempjenza. Dawn il-miżuri għandhom impatt baġitarju indirett jekk l-istrumenti finanzjarji garantiti ma jitħallsux lura bis-sħiħ. Fl-analiżi tagħna, aħna nirrappurtaw l-ammonti ta' pakketti ta' garanziji mħabbra mill-awtoritajiet pubbliċi sa tmiem Ġunju 2020.

Il-**miżuri ta' ħlas tat-taxxa** għandhom l-għan li jżidu temporanjament il-pożizzjoni tal-likwidità tal-intrapriżi permezz tal-posponiment tal-ħlas tat-taxxa jew tal-kontribuzzjonijiet soċjali, li ma jkollhom l-ebda impatt baġitarju jekk l-ammont dovut jitħallas aktar tard matul is-sena. Dawn il-miżuri jinkludu b'mod partikolari d-differimenti ta' taxxa u r-rifużjonijiet antiċipati tat-taxxa. Fl-analiżi tagħna, aħna nirrappurtaw l-ammonti stmati tal-miżuri għas-sena attwali fi tmiem Ġunju.

## Figura 5 – Daqs tal-miżuri fiskali skont il-kategoriji




*Sors: data* minn stħarriġ imwettaq mill-QEA.

**17** L-akbar parti tal-miżuri, madwar EUR 2.1 triljun jew madwar 60 % tal-ammont involut, ġiet adottata f'Marzu meta tħabbru l-ewwel lockdowns tal-COVID-19. Sett ieħor ta' miżuri, li jammontaw għal EUR 0.8 triljun, ġew adottati f'April, segwiti minn tnaqqis gradwali f'Mejju u f'Ġunju (il-*Figura 6*).

## Figura 6 – Twaqqit tal-miżuri fiskali




*Sors: data* minn stħarriġ imwettaq mill-QEA.

**18** Il-maġġoranza tal-iskemi ta' garanzija kienu ġew adottati sa April. L-istress fis-swieq finanzjarji f'Marzu/f'April kien waħda mir-raġunijiet għalfejn ċerti gvernijiet adottaw malajr pakketti kbar ta' garanziji u skemi ta' self ta' emerġenza biex jappoġġaw il-likwidità tan-negozji u l-fiduċja ġenerali tal-investituri f'dak iż-żmien. L-interventi monetarji u l-irkupru sussegwenti tas-swieq finanzjarji jispjegaw għalfejn ma kinux meħtieġa aktar skemi. It-tipi l-oħra ta' miżuri nfirxu b'mod aktar uniformi matul il-perjodu kollu tal-kriżi. Iż-żieda fl-ammonti tal-miżuri ta' nfiq f'Ġunju tirrifletti t-tiġdid ta' ċerti miżuri temporanji kif ukoll l-adozzjoni tal-pjan ta' rkupru fil-Ġermanja.

19 Sa issa, id-daqs relattiv tal-miżuri fiskali varja b'mod sinifikanti fl-Istati Membri kollha. Kif jintwera fil-*Figura 7*, l-erba' l-akbar Stati Membri tal-UE adottaw erbgħa mill-ħames l-akbar pakketti fiskali, meta mqabbla mal-PDG tagħhom stess, prinċipalment dovut għall-ammonti mħabbra tal-iskemi ta' garanzija. Il-Ġermanja nediet l-akbar rispons b'miżuri li jammontaw għal madwar 43 % tal-PDG tagħha, segwita mill-Italja (37 %), il-Litwanja (29 %), Franza (23 %) u Spanja (22 %). B'kuntrast ma' dan, xi pajjiżi li ngħaqdu mal-Unjoni aktar tard adottaw pakketti fiskali sinifikattivament iżgħar: il-Bulgarija (2 %), is-Slovakkja (5 %) u r-Rumanija (5 %) huma l-iżgħar fost l-Istati Membri.

## Figura 7 – Daqs tal-miżuri fiskali fl-Istati Membri kollha bħala sehem tal-PDG rispettiv

*(% tal-PDG)*




*Nota:* L-ammonti totali juru l-isforzi fiskali kumplessivi, iżda ma jirriflettux id-diversi strateġiji fiskali li jinkludu miżuri b'tipi differenti ta' impatti finanzjarji u baġitarji, kif spjegat fil-***Kaxxa 1***.

*Sors: data* minn stħarriġ imwettaq mill-QEA.

**20** Aħna osservajna li l-pajjiżi b'PDG *per capita* relattivament aktar baxx kienu adottaw pakketti fiskali *per capita* iżgħar u kienu llimitaw b'mod perċettibbli l-għażliet ta' rispons, filwaqt li pajjiżi b'PDG *per capita* ogħla mill-medja tal-UE kienu adottaw reazzjonijiet fiskali aktar varjati li ma kinux jidhru li jiddependu mid-daqs tal-PDG (ara l-*Figura 8*). Aktar ma jkun għoli l-PDG *per capita*, aktar ikunu kbar il-pakketti fiskali, iżda din ir-relazzjoni lineari, li tista' tindika restrizzjoni fiskali, tgħib għall-pajjiżi b'PDG *per capita* ogħla mill-medja tal-UE.

## Figura 8 – Id-daqs tal-pakketti fiskali *per capita* bi tqabbil mal-PDG *per capita*




*Sors:* ibbażat fuq stħarriġ imwettaq mill-QEA.

**21** Abbażi tad-*data* mill-istħarriġ li wettaqna, aħna nikkalkulaw li l-pajjiżi b'PDG *per capita* taħt il-medja tal-UE fi tmiem l-2019 kienu adottaw ammonti aggregati ta' miżuri fiskali bħala sehem tal-PDG fl-2020, li huma inqas minn dawk f'pajjiżi oħra (ara l-*Figura 9*). Barra minn hekk, il-Kummissjoni tistma li dawn se jiffaċċjaw tnaqqis akbar fil-PDG fl-2020 meta mqabbla ma' Stati Membri oħra. Għalhekk, id-daqs u l-kompożizzjoni tal-miżuri adottati jirriflettu l-ġid relattiv tal-Istati Membri, aktar milli kemm kien previst li dawn se jintlaqtu ħażin mill-kriżi.

## Figura 9 – Tqabbil tal-pakketti fiskali aggregati u t-tnaqqis stmat fil-PDG fl-2020




*Nota:* Il-miżuri baġitarji jinkludu l-miżuri ta' dħul u dawk ta' nfiq; l-appoġġ ta' likwidità jirreferi għall-miżuri ta' ħlas tat-taxxa u għall-istrumenti finanzjarji.

*Sors: data* pprovduta mill-istħarriġ imwettaq mill-QEA u mit-tbassir 2020 tal-Kummissjoni dwar il-PDG.

**22** Il-kompożizzjoni tar-risponsi fiskali tvarja wkoll fost l-Istati Membri (ara l-*Figura 7*). Il-garanziji jirrappreżentaw is-sehem prinċipali fil-pakketti fiskali, u dan jgħodd partikolarment għall-pajjiżi bl-akbar pakketti. Pereżempju, 58 % tal-pakketti fil-Ġermanja huma magħmulin minn garanziji; dan il-proporzjon huwa ta' 73 % fl-Italja, 68 % fi Franza, u 65 % fi Spanja. L-istħarriġ li wettaqna ma fihx *data* dwar l-implimentazzjoni tagħhom, iżda *data* proviżorja disponibbli għall-pubbliku turi li l-użu tal-garanziji kien inqas minn 10 % tal-pakkett fil-Ġermanja u inqas minn 20 % fl-Italja, madwar terz fi Franza u aktar minn 60 % fi Spanja[7].

**23** Stati Membri oħra ddedikaw l-akbar sehem ta' pakketti fiskali għal miżuri ta' dħul u ta' nfiq diskrezzjonali, bħal-Litwanja (81 %), l-Awstrija (81 %), l-Estonja (72 %) u l-Bulgarija (70 %). Il-gvernijiet irrikorrew għal dawn iż-żewġ tipi ta' miżuri f'livell varjabbli (ara l-*Figura 10*).

[7] Ara wkoll: https://www.ecb.europa.eu/pub/economic-bulletin/focus/2020/html/ecb.ebbox202006_07~5a3b3d1f8f.en.html

## Figura 10 – Sehem tal-miżuri ta’ dħul u ta’ nfiq diskrezzjonali fil-miżuri baġitarji kumplessivi




*Sors: data* minn stħarriġ imwettaq mill-QEA.

**24** Il-miżuri ta’ nfiq u ta’ dħul diskrezzjonali rrappurtati fl-istħarriġ jirrappreżentaw madwar 6.4 % tal-PDG tal-EU-27 fl-2020 u fil-biċċa l-kbira jikkonsistu finfiq diskrezzjonali (ara l-*Figura 11*), li minnhom 2 % tal-PDG kien assenjat għall-appoġġ għall-introjtu għan-negozji u 1.4 % tal-PDG għall-appoġġ għall-impjiegi bħal skemi ta’ xogħol b’ħinijiet iqsar. Il-ħelsien mill-ħlas tat-taxxa u tal-kontribuzzjonijiet soċjali kien jirrappreżenta l-akbar sehem tal-miżuri ta’ dħul.

### Figura 11 – Kompożizzjoni tal-miżuri ta’ dħul u ta’ nfiq diskrezzjonali aggregati tal-UE




*Sors:* stħarriġ imwettaq mill-QEA.

## Il-miżuri ffukaw prinċipalment fuq il-mitigazzjoni immedjata tal-qgħad u tal-insolvenzi

**25** Skont il-**linji gwida ta’ politika** maħsuba għall-Istati Membri, li nħarġu mill-Kummissjoni fit-13 ta’ Marzu 2020 (ara l-paragrafu *43*), jenħtieġ li l-miżuri fiskali jkunu mmirati lejn l-unitajiet domestiċi u n-negozji biex jiġi mmitigat it-telf ta’ impjiegi u jiġu appoġġati d-dħul u l-likwidità tal-unitajiet domestiċi u tad-ditti. L-analiżi li ġejja turi li l-miżuri fiskali adottati kienu ġeneralment konformi mal-linji gwida.

**26** F’termini ta’ atturi ekonomiċi, il-miżuri fiskali kienu mmirati lejn korporazzjonijiet mhux finanzjarji (84 %) u unitajiet domestiċi (8 %). Filwaqt li l-garanziji u l-istrumenti ta’ likwidità (miżuri ta’ ħlas tat-taxxa u strumenti finanzjarji) appoġġaw il-likwidità tan-negozji, 43 % tal-volum tal-miżuri ta’ nfiq diskrezzjonali kienu diretti lejn in-negozji, filwaqt li 35 % kienu mmirati lejn l-unitajiet domestiċi. Kien hemm 90 % tal-miżuri ta’ dħul li kienu mmirati lejn in-negozji, b’mod partikolari permezz tal-ħelsien mill-ħlas tat-taxxa (ara l-*Figura 12*). Il-miżuri ta’ nfiq diskrezzjonali kellhom firxa usa’ ta’ oqsma ta’ politika, inkluż ukoll il-kura tas-saħħa, l-investiment pubbliku, ir-riċerka, l-edukazzjoni, il-miżuri kontra l-faqar, eċċ.

### Figura 12 – Ripartizzjoni tal-miżuri fiskali skont l-atturi ekonomiċi fil-mira




*Sors:* stħarriġ imwettaq mill-QEA.

**27** L-ammont totali ta' miżuri mistħarrġa li jappoġġaw direttament l-impjiegi permezz ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar huwa ta' EUR 184 biljun, fejn Franza (EUR 32.5 biljun), Spanja (EUR 29.4 biljun), in-Netherlands (EUR 25.2 biljun) u l-Italja (EUR 23.7 biljun) nefqu aktar minn 60 % tal-ammont totali (ara l-***Kaxxa 2***). L-ispejjeż fiskali tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jiddependu minn bosta karatteristiċi legali tal-iskemi (l-eliġibbiltà, ir-rati ta' sostituzzjoni tal-pagi, id-durata, eċċ.), min-natura tal-miżuri ta' konteniment u mill-volum ta' attivitajiet li jsiru permezz ta' telexogħol f'kull pajjiż.

## Kaxxa 2

### Skemi ta’ xogħol b’ħinijiet iqsar

L-iskemi ta’ xogħol b’ħinijiet iqsar huma programmi pubbliċi li jippermettu li d-ditti li jesperjenzaw diffikultajiet ekonomiċi jnaqqsu temporanjament is-sigħat maħduma filwaqt li jipprovdu lill-impjegati tagħhom b’appoġġ għall-introjtu mill-gvern għas-sigħat mhux maħduma. L-iskema tista’ tinvolvi tnaqqis parzjali fis-sigħat maħduma jew sospensjoni sħiħa tal-kuntratt ta’ impjieg għal perjodu limitat. L-objettiv huwa li jiġu ppreservati l-impjiegi matul il-perjodu tal-kriżi u li d-ditti jkunu jistgħu jżommu l-ħiliet, l-għarfien espert u l-manodopera.

Matul il-kriżi finanzjarja globali, il-Kummissjoni wriet li l-maġġoranza tal-Istati Membri rrikorrew għal tali skemi u esperjenzaw varjabbiltà aktar baxxa tal-impjiegi, li naqqset l-ispejjeż soċjali tal-kriżi[8].

Fit-13 ta’ Marzu 2020, il-Kummissjoni rrakkomandat l-iskemi biex jiġu mmitigati l-impatti avversi tal-lockdowns fuq l-impjiegi. F’April 2020, fl-eqqel tal-lockdowns tal-pandemija, aktar minn 42 miljun ħaddiem ibbenefikaw minn skemi ta’ xogħol b’ħinijiet iqsar fl-EU-27, li rrappreżentaw madwar kwart tal-forza tax-xogħol kumplessiva[9]. Il-Kummissjoni tistma li l-ispiża baġitarja immedjata tal-iskemi hija nofs l-ispiża tal-benefiċċji tal-qgħad li kieku jitħallsu fin-nuqqas ta’ tali appoġġ għall-impjiegi[10].

L-istħarriġ li wettaqna juri li fi 11-il Stat Membru, il-miżuri fiskali għall-finanzjament ta’ skemi ta’ xogħol b’ħinijiet iqsar jistgħu jiswew aktar minn EUR 5 biljun fl-2020:




8 “Short-time working arrangements as response to cyclical fluctuations” (Dokument Okkażjonali, il-Kummissjoni, 2010).

9 Policy Brief no 7/2020 (Istitut Ewropew tat-Trade Unions, 2020).

10 “Employment and Social Developments in Europe” (il-Kummissjoni, 2020), p. 114.

**28** Aħna kkategorizzajna l-miżuri nazzjonali miġbura fil-bażi ta' *data* tagħna skont l-impatt tagħhom fuq l-impjiegi, il-faqar, is-settur finanzjarju u l-ambjent. Din il-kategorizzazzjoni hija r-riżultat ta' analiżi kwalitattiva bbażata fuq it-titolu, id-deskrizzjoni u l-klassifikazzjoni tal-miżuri kif ipprovduti mill-Istati Membri. Il-miżuri huma vvalutati li għandhom impatt "dirett" jekk l-objettiv tagħhom huwa li jkollhom impatt – rispettivament – fuq l-impjiegi, il-faqar, is-settur finanzjarju jew l-ambjent. Il-miżuri huma vvalutati li għandhom impatt "indirett" jekk x'aktarx ikollhom kwalunkwe impatt, minkejja li dan ma kienx l-objettiv primarju tagħhom, u huma "insinifikanti" jekk x'aktarx ma jkollhomx impatt. Pereżempju, miżuri ta' nfiq li jiffinanzjaw l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar għandhom impatt ta' benefiċċju dirett fuq l-impjiegi. Il-valutazzjoni li wettaqna fir-rigward tal-impatt tal-miżuri hija miġbura fil-qosor fil-*Figura 13*.

## Figura 13 – Daqs relattiv tal-miżuri fiskali skont l-impatti mistennija




*Sors:* stħarriġ imwettaq mill-QEA.

**29** Il-biċċa l-kbira mill-miżuri kienu mmirati lejn l-impjiegi:

- Mill-ammonti li l-miżuri jinvolvu, 95 % għandhom effett dirett jew indirett fuq l-impjiegi, fejn 12 % minnhom għandhom effett dirett. Huma biss 1 % tal-miżuri li huma mmirati direttament lejn il-faqar. Madankollu, il-biċċa l-kbira mill-miżuri li jikkontribwixxu għall-preservazzjoni tal-impjiegi jwasslu kontribut indirett biex jiġi limitat l-impatt tal-kriżi fuq il-faqar. Il-miżuri fiskali li jammontaw għal kważi EUR 3.2 triljun huma vvalutati li għandhom impatt ikkombinat dirett (1 %) u indirett fuq il-faqar (92 % tal-ammont totali).

- Billi s-settur finanzjarju, sa issa, mhuwiex milqut direttament mill-kriżi tal-COVID-19, sehem marġinali biss mill-miżuri kien immirat direttament lejn il-korporazzjonijiet finanzjarji. Madankollu, bir-rwol tagħhom bħala intermedjarji fid-distribuzzjoni tal-garanziji u ta' strumenti oħra, is-settur finanzjarju huwa milqut indirettament minn 89 % tal-ammont totali tal-miżuri. Barra minn hekk, is-settur finanzjarju qed jibbenefika wkoll indirettament mill-miżuri fiskali nazzjonali li jgħinu biex jiġu pprevenuti l-insolvenzi tan-negozji u tal-unitajiet domestiċi.

- Kważi l-ebda miżura ma għandha impatt fuq kwistjonijiet ambjentali. Il-miżuri fiskali adottati li għandhom impatt dirett jew indirett fuq l-ambjent jammontaw għal 2 % biss tal-ammonti totali użati b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19. Dan ma jiħux inkunsiderazzjoni l-impatt ta' benefiċċju tal-lockdowns fuq l-ambjent (bħal livelli aktar baxxi ta' tniġġis), li aħna ma stajniex nikkwantifikaw.

**30** L-għajnuna mill-Istat hija l-mezz ewlieni li permezz tiegħu l-Istati Membri pprovdew appoġġ lin-negozji domestiċi matul il-kriżi. Il-maġġoranza tal-miżuri fiskali (67 %) ġew approvati mill-Kummissjoni bħala għajnuna mill-Istat. Sa tmiem Ġunju, il-Kummissjoni kienet approvat għajnuna mill-Istat b'valur ta' EUR 2.2 triljun (15.7 % tal-PDG 2019 tal-EU-27), li prinċipalment kienet tikkonsisti f'garanziji u f'miżuri ta' likwidità. Minħabba li l-maġġoranza tad-deċiżjonijiet approvati mill-Kummissjoni kienu jikkonċernaw skemi "umbrella" applikabbli għas-setturi kollha tal-ekonomija, il-fokus settorjali tagħhom mhuwiex magħruf. L-intensità tal-għajnuna mill-Istat relatata mal-kriżi kienet tvarja ħafna fost l-Istati Membri (ara l-***Figura 14***). F'termini assoluti, il-Ġermanja kienet responsabbli għal kważi nofs id-deċiżjonijiet ġenerali dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija fl-UE (EUR 1 triljun), li jikkorrispondu għal 29 % tal-PDG tal-pajjiż.

### Figura 14 – Għajnuna mill-Istat li ġiet approvata (ammont totali f'perċentwal tal-PDG rispettiv)




*Sors: data* pprovduta mill-Kummissjoni fi tmiem Ġunju 2020.

## Il-miżuri għenu biex jiġu salvati l-impjiegi, iżda rriżultaw f'defiċits kbar

**31** Filwaqt li l-pandemija qed tiżviluppa u l-impatti soċjoekonomiċi tagħha x'aktarx se jevolvu wkoll, aħna analizzajna l-konsegwenzi inizjali tal-miżuri fiskali li ġew adottati saż-żmien meta sar ir-rapport analitiku tagħna.

**32** Ir-risponsi fiskali inizjali għall-kriżi ekonomika x'aktarx li jkollhom impatt sever fuq id-**defiċits** tal-gvern. Dan huwa dovut għall-fatt li d-dħul mit-taxxa naqas minħabba t-tnaqqis fl-attività ekonomika u minħabba miżuri diskrezzjonali bħall-ħelsien mit-taxxa jew it-tnaqqis fir-rati, kif ukoll l-infiq eċċezzjonali, inkluż fuq l-appoġġ għall-impjiegi u s-settur tas-saħħa. Barra minn hekk, skont l-istħarriġ li wettaqna, l-iffrankar baġitarju għall-finanzjament tal-miżuri jammonta għal inqas minn 0.1 % tal-PDG tal-UE. Spejjeż fiskali futuri jistgħu jirriżultaw ukoll minn telf minn indeboliment fuq il-garanziji u l-miżuri ta' likwidità mdaqqsa mogħtija lin-negozji.

**33** F'Novembru 2020, id-defiċit aggregat tal-baġit kien imbassar li jkun ogħla minn 8 % tal-PDG għall-UE fl-2020 u xi pajjiżi li qed ibatu minn tnaqqis sostanzjali fil-PDG jistgħu jesperjenzaw defiċits ta' aktar minn 10 % (Spanja, il-Belġju, l-Italja u Franza). Fl-2020, huwa probabbli li 26 Stat Membru mhux se jikkonformaw mal-limitu tad-defiċit ta' 3 % tal-PDG stabbilit mill-UE (ara l-*Figura 15*). Id-defiċits jistgħu jżidu d-dejn pubbliku fil-medda ta' madwar 20 % tal-PDG matul il-perjodu 2020-2021, iżda l-istimi fost il-pajjiżi jvarjaw bil-kbir[11]. It-tbassir dwar id-defiċit u dwar id-dejn huwa suġġett għal żieda fil-pressjonijiet minħabba l-inċertezzi ekonomiċi attwali. F'Novembru, il-Kummissjoni rrevediet it-tbassir ta' tkabbir tal-PDG għall-2021 minn 6.1 % għal 4.1 %.

## Figura 15 – Bilanċi fiskali (f'perċentwal tal-PDG)




*Sors:* tbassir tal-Kummissjoni għall-ħarifa (2020).

**34** Sa issa, l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u l-iskemi ta' għajnuna mill-Istat li saru disponibbli mill-gvernijiet laħħqu mal-ħtiġijiet ta' likwidità tan-negozji u għalhekk immitigaw is-sensji fuq skala enormi. Fil-fatt, iż-żidiet reċenti fir-rati tal-**qgħad** huma żgħar meta mqabbla mat-tnaqqis fl-output. Il-qgħad fl-UE żdied ħafna inqas milli fl-Istati Uniti (ara l-*Figura 16*), fejn l-awtoritajiet pubbliċi ma nċentivawx l-iskemi ġeneralizzati għaż-żamma tal-impjiegi, iżda minflok estendew il-benefiċċji tal-qgħad.

[11] Tbassir tal-Kummissjoni għall-ħarifa (2020).

### Figura 16 – Bidliet fir-rata tal-qgħad u fil-volum tal-PDG bi tqabbil mat-trimestru preċedenti fl-UE u fl-Istati Uniti




*Nota:* Il-bidliet fir-rata tal-qgħad huma nominali, il-bidliet fil-volum tal-PDG huma rati ta' tkabbir.

*Sors:* kalkoli tal-QEA bbażati fuq *data* pprovduta mill-OECD.

**35** Il-miżuri fiskali kellhom rwol ewlieni fl-istabbilizzazzjoni tal-introjti disponibbli. L-istħarriġiet imwettqa mill-Kummissjoni fost il-konsumaturi jindikaw akkumulazzjoni sinifikanti ta' **tfaddil**[12] involontarju, li huwa konsegwenza diretta tal-miżuri ta' konfinament, tal-miżuri fiskali u tal-inċertezza għolja. Meta l-lockdowns naqqsu l-bejgħ ta' prodotti u ta' servizzi min-negozji, il-miżuri fiskali żammew kapaċità tal-akkwist relattivament stabbli għall-impjegati, u dan wassal għal rata ta' tfaddil ta' 16.9 % li hija l-ogħla livell li qatt intlaħaq għall-unitajiet domestiċi fiż-żona tal-euro fl-ewwel kwart tal-2020. Dan l-iffrankar għandu l-potenzjal li jikkontribwixxi għal irkupru rapidu tal-konsum jekk l-inċertezza relatata mal-prospetti ekonomiċi tispiċċa.

[12] Stqarrija għall-istampa tal-Eurostat (it-3 ta' Lulju 2020).

36 L-**investiment** pubbliku ma kienx prijorità tal-ġestjoni tal-kriżi. Fl-istħarriġ li wettaqna, aħna tlabna lill-Istati Membri biex jirrappurtaw kwalunkwe deċiżjoni ta' investiment b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19. Id-*data* mill-istħarriġ turi li dawn l-investimenti kienu jirrappreżentaw inqas minn 0.5 % tal-PDG tal-UE. Mingħajr l-investiment pubbliku mħabbar fil-pjan ta' rkupru Ġermaniż (Ġunju 2020), dawn ammontaw għal 0.1 % tal-PDG tal-UE. L-investiment pubbliku jista' jikkontribwixxi għall-irkupru tal-ekonomiji fil-perjodu ta' wara l-pandemija. Fit-23 ta' April 2020, il-Kunsill Ewropew laqa' l-Pjan Direzzjonali Konġunt għall-Irkupru li rrakkomanda investiment bla preċedent biex jgħin fit-tnedija mill-ġdid u fit-trasformazzjoni tal-ekonomiji Ewropej[13].

[13] https://www.consilium.europa.eu/media/43384/roadmap-for-recovery-final-21-04-2020.pdf

# L-implimentazzjoni tar-rispons ekonomiku sostanzjali tal-UE għadha għaddejja

**37** Ir-rispons inizjali tal-UE għall-kriżi ekonomika (Marzu 2020) tħejja fl-isfond kemm ta' sitwazzjoni epidemjoloġika li qed tevolvi rapidament kif ukoll tal-ewwel lockdowns ġenerali fl-Istati Membri (ara l-kronoloġija qasira fl-***Anness II***). Kien hemm azzjonijiet u deċiżjonijiet immedjati li ttieħdu fi ħdan ir-regoli eżistenti, bħal miżuri baġitarji tal-UE, interventi monetarji tal-BĊE, deċiżjonijiet ta' self mill-BEI (il-Bank Ewropew tal-Investiment) u l-MES (il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà), kif ukoll azzjonijiet ta' koordinazzjoni tal-Kummissjoni.

**38** Hekk kif il-kriżi pandemika bdiet tiżviluppa, ir-rispons ekonomiku tal-UE sar aktar imdaqqas biex jirrifletti l-ħtiġijiet ta' rkupru u reċentement dan kien jikkonsisti fi ftehim mill-Kunsill Ewropew biex jinħoloq strument temporanju ġdid tal-UE għall-appoġġ baġitarju sabiex jippromwovi l-irkupru ekonomiku u r-reżiljenza, imsejjaħ "NextGenerationEU" (NGEU).

**39** Il-miżuri finanzjarji tal-UE u tal-MES (adottati jew li qed jiġu adottati, bl-esklużjoni tal-interventi monetarji tal-BĊE) għandhom valur kumplessiv ta' aktar minn EUR 1 363 biljun[14]; maqsuma f'għotjiet (EUR 430 biljun) u self (EUR 933 biljun). Il-qofol tal-appoġġ baġitarju Ewropew jieħu l-forma tal-komponent ta' għotja tal-NGEU propost, li jirrappreżenta madwar 40 % tal-miżuri baġitarji nazzjonali mbassra fl-2020 (ara l-***Figura 17***). L-ammonti tal-UE huma l-massimu disponibbli u mhux neċessarjament jintużaw bis-sħiħ.

---

[14] Inkluż NextGenerationEU (ammonti maqbula mill-Kunsill Ewropew).

## Figura 17 – Tqabbil bejn ir-rispons finanzjarju tal-UE għall-kriżi u dak tal-Istati Membri (f'biljun EUR)




*Nota:* Id-*data* dwar l-NGEU propost hija bbażata fuq il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew. L-indikatur għall-interventi baġitarji nazzjonali huwa d-differenza bejn il-bilanċi fiskali tal-2020 u dawk tal-2019 stmati fit-tbassir tal-Kummissjoni għall-ħarifa (2020). Id-*data* dwar miżuri nazzjonali oħra hija bbażata fuq l-istħarriġ li wettaqna. Ir-riżorsi tal-NGEU se jiġu allokati fuq perjodu ta' bosta snin, li hawnhekk qed jiġu mqabbla mad-defiċit tal-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri f'sena waħda.

*Sors:* kalkoli tal-QEA bbażati fuq *data* minn Awwissu 2020.

## Matul il-kriżi, il-kompetenzi tal-UE f'oqsma li mhumiex marbuta mal-koordinazzjoni monetarja u ekonomika kienu limitati

**40** L-**interventi ta' politika bikrija mill-BĊE**, b'mod partikolari x-xiri ta' assi fuq skala kbira (taħt il-Programm ta' Xiri ta' Emerġenza fil-każ ta' Pandemija, li inizjalment kellu valur ta' EUR 750 biljun u mbagħad żdied b'EUR 600 biljun), kellhom l-għan li jistabbilizzaw il-kundizzjonijiet fis-swieq finanzjarji. L-interventi tal-BĊE kellhom l-għan ukoll li jtaffu l-kundizzjonijiet ta' finanzjament tal-banek permezz ta' operazzjonijiet ġodda ta' rifinanzjament fuq żmien itwal (LTROs) kif ukoll li jtaffu r-rekwiżiti tal-kollateral. Ċerti banek ċentrali mhux fiż-żona tal-euro (id-Danimarka, il-Kroazja, l-Ungerija u r-Rumanija) ibbenefikaw mill-għoti ta' likwidità f'euro mill-BĊE għas-sistemi bankarji rispettivi tagħhom.

**41** L-UE ffaċċjat għadd ta' restrizzjonijiet u kompetenzi limitati, fir-rigward ta' ċerti oqsma li fihom setgħet ikkontribwiet għar-rispons għall-pandemija. Parzjalment, dawn

kienu jinkludu n-nuqqas ta' kompetenzi biex tittieħed azzjoni f'ċerti oqsma, u dan irriżulta parzjalment minn nuqqas ta' kunsens u tħejjija qabel il-bidu tal-kriżi rigward il-bini ta' ċerti mekkaniżmi/strumenti. Ir-restrizzjonijiet ewlenin kienu jinkludu:

- **Kompetenzi fil-politika tal-kura tas-saħħa:** L-azzjoni tal-UE fil-qasam tas-saħħa pubblika hija limitata biex tappoġġa u tikkomplementa l-politika tal-Istati Membri dwar is-saħħa pubblika, li għandhom ir-responsabbiltà prinċipali f'dan il-qasam. Il-baġit tal-UE għall-investiment fis-settur tas-saħħa (it-"tielet programm tas-saħħa") kellu valur ta' EUR 0.5 biljun u kien jirrappreżenta 0.05 % tal-ammont totali tal-QFP 2014-2020 attwali. Il-QEA dalwaqt se tippubblika rapport analitiku separat dwar il-kontribut inizjali li l-UE tat għar-rispons fil-livell tas-saħħa pubblika għall-COVID-19.

- **Kompetenzi fil-miżuri ta' konfinament:** Il-lockdowns u miżuri simili ġew deċiżi kollha kemm huma mill-Istati Membri nfushom, li għandhom kompetenzi esklużivi fil-qasam tas-sigurtà pubblika. Il-Kummissjoni kellha rwol sekondarju billi żgurat koordinazzjoni volontarja u pprovdiet linji gwida mhux vinkolanti biex jiġu limitati l-konsegwenzi avversi għall-integrità tas-suq intern u l-moviment liberu tal-merkanzija u tal-persuni. Madankollu, il-Kummissjoni tista' tivverifika jekk il-miżuri humiex iġġustifikati, jiġifieri jekk humiex adatti, meħtieġa u proporzjonati mal-objettivi tas-sigurtà pubblika[15].

- **Tħejjija għall-kriżijiet ekonomiċi:** Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom kompetenzi biex jikkoordinaw il-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri fi ħdan is-Semestru Ewropew (b'regoli speċifiċi dwar is-sorveljanza fiskali) u biex jivverifikaw il-konformità tal-iskemi ta' għajnuna mill-Istat mar-regoli tal-UE. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jimmaniġġjaw ukoll l-assistenza finanzjarja li tingħata lill-Istati Membri li qed jesperjenzaw tfixkil ekonomiku jew finanzjarju serju (l-EFSM, il-faċilità tal-bilanċ tal-pagamenti).

- **Regoli tal-baġit tal-UE:** Il-baġit tal-UE mhuwiex imfassal biex jimmitiga l-iskossi ekonomiċi fuq skala kbira fit-terminu qasir, billi huwa limitat mil-limiti massimi għall-infiq tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u mid-diversi regoli tal-infiq tal-programmi baġitarji. B'mod partikolari, kwalunkwe riallokazzjoni tal-programmi ta' investiment għal dan l-iskop tista' tieħu ż-żmien biex tiġi implimentata, skont in-natura tal-investimenti u taċ-ċikli ta' programmazzjoni. Barra minn hekk, il-marġnijiet baġitarji ta' kontinġenza u r-riżervi inkorporati fil-baġits attwali mhumiex kbar: il-QEA kienet diġà ssuġġeriet biex aktar approprjazzjonijiet

[15] Ara "Rispons ekonomiku kkoordinat għat-Tifqigħa tal-COVID-19" (COM(2020) 112 final).

jinżammu f'riżerva[16]. B'mod partikolari, lejn it-tmiem tal-QFP 2014-2020, il-marġnijiet disponibbli huma aktar baxxi.

## Ġiet implimentata rapidament koordinazzjoni ekonomika flessibbli

**42** Wara t-tifqigħa tal-pandemija u bl-ebda prospett ta' ritorn rapidu għan-normalità fir-rigward tas-sitwazzjoni ekonomika, kien ċar li l-UE kellha tirreaġixxi b'mod flessibbli sabiex tippermetti li l-Istati Membri jfasslu risponsi xierqa għas-sitwazzjonijiet speċifiċi tas-saħħa u ekonomiċi. Dan kien ifisser li jiġu permessi:

- l-applikazzjoni aktar flessibbli tar-regoli ekonomiċi tal-UE jew tal-proċessi ta' koordinazzjoni ewlenin;
- l-adozzjoni ta' linji gwida *ad hoc* biex jiġi limitat l-impatt tal-miżuri nazzjonali ta' emerġenza fuq il-funzjonament tas-suq uniku.

**43** Għalhekk ittieħdu sensiela ta' deċiżjonijiet biex jiġu indirizzati għadd ta' aspetti ewlenin tal-politika ekonomika:

- Fit-13 ta' Marzu 2020, b'segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-10 ta' Marzu, il-Kummissjoni adottat **linji gwida ta' politika** eċċezzjonali għall-Istati Membri[17], li jaqgħu barra mill-mandat tal-proċessi ta' koordinazzjoni ekonomika tradizzjonali tas-Semestru Ewropew. Huma ħeġġew biex jittieħdu miżuri ta' stimolu fiskali immedjati sabiex itaffu l-kriżi ekonomika emerġenti, bħal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar biex jiġi mmitigat it-telf ta' impjiegi u jiġi appoġġat l-introjtu tal-unitajiet domestiċi, injezzjonijiet ta' likwidità u garanziji ta' kreditu/esportazzjoni biex jgħinu lill-kumpaniji b'kapital operatorju;
- Fid-19 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni **adottat** ukoll **qafas temporanju speċifiku għall-għajnuna mill-Istat** li ppermetta li l-Istati Membri jagħtu appoġġ pubbliku lil kumpaniji/setturi domestiċi milquta mill-kriżi[18]. Regoli speċifiċi dwar garanziji mill-

---

[16] https://www.eca.europa.eu/other%20publications/briefing_paper_mff/briefing_paper_mff_en.pdf

[17] "Rispons ekonomiku kkoordinat għat-Tifqigħa tal-COVID-19" (COM(2020) 112 final).

[18] "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19" (ĠU C 91 I/01, 20.3.2020).

Istat, self u strumenti oħra rilevanti għall-kriżijiet ikkomplementaw possibbiltajiet oħra li diġà huma disponibbli għall-Istati Membri skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Sa tmiem Ottubru, il-Kummissjoni kienet emendat il-qafas inizjali erba' darbiet biex testendi l-applikabbiltà tiegħu (minn tmiem l-2020 sa Ġunju 2021, bl-eċċezzjoni tal-appoġġ għall-ekwità li ġie estiż sa tmiem Settembru 2021) u tiżgura kopertura adegwata tal-attivitajiet ta' riċerka kif ukoll tal-appoġġ għall-ekwità;

- Fl-20 ta' Marzu 2020, għall-ewwel darba, il-Kummissjoni pproponiet l-attivazzjoni tal-**klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir**[19], li tippermetti li l-Istati Membri kollha jiddevjaw temporanjament mir-rekwiżiti baġitarji li normalment ikunu japplikaw u jagħtu bidu għal stimoli fiskali fuq skala kbira[20]. It-tbegħid temporanju mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju huwa permess, dment li dan ma jipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fit-terminu medju;

- Fl-20 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni **pproponiet Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi** (CSRs) fi ħdan is-Semestru Ewropew, li kienu jtennu l-objettivi ta' politika komuni biex jiġu mmitigati l-konsegwenzi severi tal-kriżi fit-terminu qasir u biex jitnieda mill-ġdid it-tkabbir fit-terminu medju. Għall-ewwel darba, dawn is-CSRs ma kienx fihom rakkomandazzjonijiet fiskali rigward il-perkors ta' aġġustament lejn l-objettivi ta' nofs it-terminu. Minflok, huma ffukaw fuq l-appoġġ immedjat għall-kriżi u fuq l-irkupru ta' nofs it-terminu permezz ta' tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

**44** Matul il-perjodu kollu, il-Kummissjoni adottat linji gwida biex tikkoordina ċerti **miżuri tas-sigurtà tas-saħħa** fl-oqsma fejn il-funzjonament normali tas-suq intern kien ġie affettwat. Pereżempju, il-Kummissjoni ħarġet linji gwida biex tillimita l-konsegwenzi tal-ġestjoni tal-fruntieri fuq il-moviment liberu tal-oġġetti u tas-servizzi (it-23 ta' Marzu 2020) u fuq il-manodopera (fit-30 ta' Marzu 2020). Minħabba l-prerogattivi nazzjonali dwar il-politiki tas-saħħa, il-Kummissjoni ma ħarġitx regoli vinkolanti. F'Settembru 2020, il-Kummissjoni pproponiet Rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex jiġi stabbilit qafas ġenerali għall-koordinazzjoni u l-komunikazzjoni ta' miżuri li jirrestrinġu l-moviment liberu[21].

---

[19] L-attivazzjoni tal-"klawżola liberatorja ġenerali", kif stipulat fl-Artikoli 5(1), 6(3), 9(1) u 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 u fl-Artikoli 3(5) u 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-politiki baġitarji fi żminijiet ta' reċessjoni ekonomika severa.

[20] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (COM(2020) 123 final).

[21] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_20_1555

## L-UE mmobilizzat il-fondi disponibbli u ħolqot xbieki ta' sikurezza ġodda għan-negozji, il-gvernijiet u l-impjegati

**45** L-appoġġ finanzjarju mill-UE evolva rapidament mir-**riallokazzjonijiet immedjati ta' fondi u l-mobilizzazzjoni ta' strumenti ta' flessibbiltà** fi ħdan il-baġit attwali tal-UE għall-adozzjoni **ta' xbieki ta' sikurezza finanzjarja** għan-negozji, l-Istati Membri u l-impjegati bl-għan li jiġu miġġielda l-konsegwenzi ekonomiċi immedjati tal-kriżi.

**46** L-ewwel miżuri proposti mill-Kummissjoni wara t-tifqigħa tal-kriżi kienu jikkonsistu f'estensjoni tal-azzjoni eżistenti. Dawn kienu fi ħdan il-QFP u kienu prinċipalment iffinanzjati permezz ta' riallokazzjonijiet baġitarji (ara wkoll l-***Anness III***). Sa tmiem Awwissu, iż-żidiet fil-baġit tal-UE għall-2020 kienu jirrappreżentaw 2.3 % tal-approprjazzjonijiet ta' impenn inizjali, u ġew eżawriti l-marġnijiet kollha taħt il-limiti massimi tal-infiq tal-QFP attwali. L-azzjonijiet prinċipali ffinanzjati biex jikkomplementaw l-infiq nazzjonali matul il-kriżi kienu:

- Fit-13 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-fondi SIE taħt il-politika ta' koeżjoni għall-2020 jiġu allokati mill-ġdid għall-**Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII)**, bl-intenzjoni li jiġu indirizzati l-aktar ħtiġijiet urġenti relatati man-nefqa fuq is-saħħa, l-appoġġ għall-SMEs u l-miżuri ta' xogħol fuq terminu qasir. L-ammont ta' EUR 8 biljun fi **prefinanzjament kieku ma jingħatax lura lill-Kummissjoni** u jkun jipprovdi injezzjonijiet ta' flus lill-Istati Membri għal proġetti relatati mal-kriżi. L-Istati Membri jistgħu jaċċessaw ir-riżorsi billi jemendaw il-programmi operazzjonali eżistenti tagħhom permezz ta' proċess simplifikat u aċċellerat, filwaqt li f'xi każijiet jibbenefikaw minn ċerta flessibbiltà biex jirriallokaw il-finanzjament b'mod dirett;

- Fit-13 ta' Marzu 2020 ukoll, il-Kummissjoni ddeċidiet li tassenja mill-ġdid EUR 1 000 000 mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) biex iservu bħala garanzija għall-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) sabiex jiġu appoġġati n-negozji ż-żgħar milquta mill-impatt ekonomiku tal-pandemija tal-coronavirus. Din il-garanzija hija intenzjonata li tinċentiva lill-banek fl-UE kollha biex jipprovdu sa EUR 8 biljun f'self ta' kapital operatorju għal madwar 100 000 SME;

- Fit-30 ta' Marzu 2020, l-UE emendat l-ambitu tal-**Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea** (FSUE) biex jinkludi miżuri ta' emerġenza kbar relatati mas-saħħa pubblika. F'dak il-mument, kien hemm disponibbli sa EUR 0.8 biljun għal dak l-istrument fl-2020. Minħabba l-iżborżi sussegwenti għal emerġenzi oħra, l-ammont disponibbli fl-2020 naqas għal EUR 0.18 biljun;

- Fit-2 ta' April 2020, is-CRII ġiet ikkomplementata b'miżuri li temporanjament jippermettu użu aktar flessibbli tal-**fondi SIE mhux impenjati** (Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej) b'valur ta' EUR 54 biljun għal proġetti relatati mal-COVID-19 ("**CRII+**"). Dan jinkludi trasferimenti aktar flessibbli bejn il-fondi, l-objettivi tematiċi u l-programmi operazzjonali, kif ukoll rata ta' kofinanzjament ta' 100 % għall-infiq, b'impatt stmat ta' EUR 14.6 biljun fuq il-pagamenti;

- Fl-14 ta' April 2020, l-UE emendat ir-Regolament għall-attivazzjoni tal-**Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza** b'baġit ta' EUR 2.7 biljun fl-2020 biex jiġi appoġġat ir-rispons tal-Istati Membri għall-kriżi tas-saħħa, pereżempju permezz ta' Ftehimiet ta' Xiri bil-Quddiem mal-iżviluppaturi tal-vaċċini kontra l-coronavirus.

**47** Fis-16 ta' Marzu 2020, il-Grupp tal-BEI ħabbar ukoll miżuri ta' finanzjament eċċezzjonali:

- **Finanzjament għan-negozji**, billi jiġu pprovduti EUR 28 biljun minn programmi eżistenti:

  - **Garanziji għall-SMEs:** abbażi ta' EUR 1 000 000 000 li ġew assenjati mill-ġdid mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), il-FEI jkun jipprovdi EUR 2.2 biljun f'garanziji li għandhom l-għan li jimmobilizzaw sa EUR 8 biljun f'finanzjament għal mill-inqas 100 000 SME, permezz tal-programm COSME (il-programm tal-UE għall-kompetittività tal-SMEs) u l-programm InnovFin[22];

  - **Linji ta' likwidità ddedikati għall-banek:** li jipprovdu appoġġ għall-kapital operatorju għall-SMEs u għall-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, li jammonta sa EUR 10 biljun;

  - **Programmi ddedikati ta' xiri ta' titoli garantiti b'assi:** biex il-banek ikunu jistgħu jittrasferixxu portafolli tar-riskju ta' self lill-SMEs, b'hekk jiġu mmobilizzati sa EUR 10 biljun.

- **Finanzjament għal proġetti fis-settur tas-saħħa**, li jammonta sa EUR 5 biljun.

**48** Hekk kif il-lockdowns ġew estiżi u l-ewwel tbassir ekonomiku nazzjonali beda juri l-impatti potenzjali, il-Grupp tal-Euro ppropona pakkett ta' **xbieki ta' sikurezza** ta' emerġenza fid-9 ta' April 2020. Dan il-pakkett kellu l-għan li jappoġġa l-finanzi pubbliċi, in-negozji u l-impjiegi fl-istess ħin, biex b'hekk jiġu miġġielda l-konsegwenzi immedjati

[22] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_20_569

tal-kriżi. Il-pakkett li jinkludi kollox, b'valur ta' EUR 540 biljun, kien ibbażat fuq tliet pilastri:

- **Appoġġ fil-Kriżi Pandemika mill-MES:** strument temporanju b'valur ta' EUR 240 biljun, jiġifieri nofs il-kapaċità ta' self tal-MES, biex jintuża għal spejjeż mediċi diretti u indiretti relatati mal-COVID-19 imġarrba minn Frar 2020. L-aċċess ikun limitat għal 2 % tal-PDG tal-Istati Membri fi tmiem l-2019;
- **Finanzjament tad-ditti tal-UE permezz tal-Grupp tal-BEI:** finanzjament ta' EUR 200 biljun, appoġġat minn Fond ta' Garanzija Pan-Ewropew (PEGF) temporanju ta' EUR 25 biljun biex jgħin lill-kumpaniji, speċjalment lill-SMEs li qed jiffaċċaw nuqqasijiet ta' likwidità. L-Istati Membri jridu jikkontribwixxu għall-Fond ta' Garanzija skont il-parteċipazzjoni azzjonarja tagħhom fil-BEI. Il-baġit tal-UE u l-MES jistgħu jikkontribwixxu wkoll;
- **SURE – appoġġ finanzjarju temporanju biex jiġu mmitigati r-riskji ta' qgħad f'emerġenza:** EUR 100 biljun biex tiġi ffinanzjata, fuq talba, iż-żieda fl-infiq pubbliku nazzjonali fuq skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u skemi simili u, bħala miżura anċillari, fuq xi miżuri relatati mas-saħħa b'mod partikolari fuq il-post tax-xogħol. L-istrument ikun jiġi mmaniġġjat mill-Kummissjoni u jkun suġġett għar-regoli finanzjarji tal-UE. SURE jieħu l-forma ta' skema ta' self mirfuda minn sistema ta' garanziji b'valur ta' EUR 25 biljun mogħtija mill-Istati Membri lill-baġit tal-Unjoni.

**49** Il-Kunsill Ewropew approva l-proposta fit-23 ta' April u appella biex il-pakkett ikun operazzjonali sal-1 ta' Ġunju 2020. L-istrument tal-MES ġie approvat fil-15 ta' Mejju mill-Bord tal-Gvernaturi tal-MES, inkluża l-konferma tal-eliġibbiltà għall-pajjiżi kollha taż-żona tal-euro. Barra minn hekk, fis-26 ta' Mejju l-Bord tad-Diretturi tal-BEI approva l-istruttura u l-approċċ tan-negozju tal-fond il-ġdid. Ir-Regolament SURE ġie adottat mill-Kunsill fid-19 ta' Mejju. Madankollu, minħabba t-tul tal-proċeduri ta' ratifika, il-PEGF ma kienx operazzjonali sa Awwissu, filwaqt li SURE ġie attivat fit-22 ta' Settembru, wara li l-Istati Membri kollha kienu ffirmaw il-garanziji.

## Bl-istrument NextGenerationEU, l-UE pproponiet appoġġ finanzjarju mdaqqas għar-ritorn għal irkupru sostenibbli u reżiljenti

**50** Fit-23 ta' April 2020, il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jaħdem biex jiġi stabbilit fond għall-irkupru b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19 u inkariga lill-Kummissjoni biex tressaq proposta b'mod urġenti. Xahar wara, il-Kummissjoni pproponiet fond temporanju tal-

UE mingħajr preċedent ("NextGenerationEU") b'valur ta' EUR 750 biljun, b'segwitu għall-proposta Franko-Ġermaniża preċedenti (it-18 ta' Mejju), flimkien ma' proposta modifikata għall-QFP 2021-2027 biex jittieħed kont tal-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-kriżi. Fil-21 ta' Lulju 2020, din ġiet maqbula mill-Kunsill Ewropew, b'bosta bidliet importanti. Flimkien mal-QFP 2021-2027, il-ftehim jipproponi ammont kumplessiv ta' EUR 1 824.3 biljun f'appoġġ mill-UE għall-Istati Membri.

**51** L-NGEU se jipprovdi finanzjament għal għadd ta' programmi li se jappoġġaw il-proċess ta' rkupru. Il-qofol huwa l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF). L-RRF għandha l-għan li tappoġġa l-irkupru tal-ekonomiji tal-Istati Membri u li tindirizza l-effetti tal-kriżi pandemika, permezz ta' investimenti kkoordinati u riformi strutturali li jiffukaw fuq il-konverġenza u fuq it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ssimplifikati fl-oqsma ta' politika kollha. Fir-rigward ta' SURE u l-EFSM (li nħolqu matul il-kriżi tad-dejn sovran), il-bażi ġuridika għall-NGEU hija l-Artikolu 122 tat-TFUE li jippermetti assistenza finanzjarja mmirata f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' kriżi, bħal diżastri naturali.

**NGEU - impatti mistennija**

**52** Il-Kummissjoni tistma[23] li l-impatt tal-NGEU x'aktarx li jkun konsiderevoli għall-ekonomija tal-EU-27:

- Dan jista' jżid l-investiment (privat u pubbliku) b'EUR 1.4 triljun matul il-perjodu 2021-2022 (ara l-***Figura 18***) u għalhekk timtela d-diskrepanza mistennija fl-investiment ikkawżata mill-kriżi matul il-perjodu 2020-2021, hekk kif ġej:
  - Il-biċċa l-kbira mill-fondi (madwar EUR 700 biljun) huma maħsuba biex jiffinanzjaw direttament l-investimenti;
  - Proviżjonament speċifiku għall-garanziji (madwar EUR 56 biljun) għal żewġ programmi (InvestEU u l-Istrument ta' Appoġġ għas-Solvenza) se jservi biex jiġi ingranat investiment privat li jammonta sa EUR 700 biljun.
- Minħabba l-investiment immobilizzat, il-Kummissjoni tistma li l-livell tal-PDG fl-EU-27 fl-2024 se jkun madwar 2 % ogħla minn dak tat-tbassir attwali.

[23] "Identifying Europe's recovery needs" (dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni, SWD(2020) 98 final).

## Figura 18 – Investiment potenzjali ġġenerat mill-NGEU matul il-perjodu 2021-2022




*Sors:* kalkoli tal-QEA bbażati fuq proposta tal-Kummissjoni.

### NGEU - ambitu u kompożizzjoni

**53** NextGenerationEU huwa intenzjonat li jikseb xi wħud mill-approċċi innovattivi li ġejjin:

- **Rwol ferm akbar għall-UE** - l-istrument temporanju kważi se jirdoppja l-ammont tal-baġit fuq terminu twil tal-UE għall-perjodu 2021-2027;
- Appoġġ permezz ta' **appoġġ finanzjarju diversifikat** (għotjiet, self, provvedimenti għall-garanziji) **u programmi** mmaniġġjati direttament jew indirettament mill-Kummissjoni jew taħt ġestjoni kondiviża (ara l-*Anness IV*);
- Skont il-ftehim tal-Kunsill Ewropew, kważi 90 % tal-finanzjament tal-istrument għall-irkupru se jiġu allokati għal faċilità ġdida (RRF) u għandhom jiġu żborżati suġġett għal ċerti kundizzjonijiet relatati ma' **riformi u investimenti** li jindirizzaw l-isfidi nazzjonali identifikati fi ħdan is-**Semestru Ewropew**;
- **Appoġġ fornut minn qabel għal impatt rapidu:** skont il-ftehim tal-Kunsill Ewropew, sa 70 % tal-appoġġ mhux ripagabbli tal-RRF se jkollu jiġi impenjat fil-perjodu 2021-2022 u dak li jifdal fl-2023. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew qabel li jiffinanzja **nfiq retrospettiv** rilevanti għall-objettivi tal-RRF minn Frar 2020;

- Koeffiċjenti tal-**allokazzjoni** għal programmi ġodda ffinanzjati taħt l-NGEU (RRF, REACT-EU) li jirriflettu l-iskop speċifiku ta' dawn tal-aħħar u li huma differenti minn dawk għall-fondi SIE;
- Approċċ ta' finanzjament differenti permezz ta' teħid b'self fis-**swieq kapitali**. Għall-ewwel darba, l-UE se tissellef biex tiffinanzja l-appoġġ mhux ripagabbli.

**54** Minħabba l-urġenza u ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali, il-proposta tal-Kummissjoni ma kinitx suġġetta għal valutazzjoni tal-impatt jew għal konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, iżda kienet akkumpanjata minn dokument ta' ħidma tal-persunal li jidentifika l-ħtiġijiet ta' rkupru tal-UE. Għadu mhuwiex ċar kif il-proporzjon tal-għotjiet għas-self ġie stabbilit u rrikonċiljat mal-objettivi tal-fond. Wara negozjati dwar il-kompożizzjoni tal-pakkett, il-Kunsill Ewropew qabel li jnaqqas is-sehem tal-appoġġ mhux ripagabbli fil-pakkett (minn EUR 500 biljun proposti inizjalment għal EUR 390 biljun), ikkumpensat minn żieda fil-livell ta' self minn EUR 250 biljun għal EUR 360 biljun.

**Allokazzjoni tal-RRF**

**55** Il-kriterji użati għall-**allokazzjoni tal-fondi tal-RRF lill-Istati Membri** jvarjaw minn dawk użati fi programmi oħra kbar tal-QFP. Għas-self, il-limitu massimu jiddependi mill-ING u huwa mistenni li ma jaqbiżx is-6.8 % (proposta tal-Kunsill Ewropew). Għall-appoġġ mhux ripagabbli, l-allokazzjoni tiddependi mill-indikaturi ta' konverġenza bħall-popolazzjoni, il-PDG *per capita* u r-rata tal-qgħad. B'segwitu għal proposta tal-Kunsill Ewropew, fil-koeffiċjent tal-allokazzjoni għas-sena 2023, il-kriterju tal-qgħad huwa sostitwit bit-telf fil-PDG reali osservat matul l-2020 u bit-telf kumulattiv fil-PDG reali osservat matul il-perjodu 2020-2021. Il-bidla kienet tikkonċerna 30 % tal-għotjiet (ara l-***Figura 19***). Dan jirrifletti l-objettiv doppju li jiġi ttrattat l-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija u li jiġu indirizzati l-isfidi strutturali li jxekklu t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi.

### Figura 19 – Allokazzjoni stmata tal-appoġġ mhux ripagabbli taħt l-RRF




*Sors:* kalkolu tal-QEA bbażat fuq il-koeffiċjenti tal-allokazzjoni.

**56** L-allokazzjoni stmata tal-fondi, fil-biċċa l-kbira, tirrifletti tabilħaqq id-dgħufijiet ekonomiċi ta' qabel il-kriżi u l-livelli ta' konverġenza fi ħdan l-UE (ara l-*Figura 20*). L-allokazzjoni tal-fondi lill-Istati Membri, ikkalkulata b'wieħed miż-żewġ metodi, tindika wkoll li jenħtieġ li l-istess tliet l-akbar riċevituri (l-Italja, Spanja u Franza) jirċievu b'mod kumulattiv madwar nofs il-volum totali tal-għotjiet (bl-użu ta' projezzjonijiet attwali tal-iżvilupp tal-PDG fil-perjodu 2020-21). Huma mistennija wkoll li jġarrbu tnaqqis sostanzjali fil-PDG matul il-kriżi (ara l-*Figura 20*).

## Figura 20 – Relazzjoni bejn l-allokazzjoni tal-għotjiet tal-RRF u l-livell ta' konverġenza tal-PDG




*Sors:* kalkoli tal-QEA bbażati fuq *data* dwar il-PDG ipprovduta mill-Kummissjoni u fuq il-ftehim tal-Kunsill Ewropew dwar l-allokazzjoni tal-RRF u ta' REACT-EU skont il-pajjiżi.

**57** L-allokazzjoni effettiva tal-fondi se tiddependi mill-kapaċità tal-Istati Membri biex jissodisfaw il-kundizzjonalità tal-RRF. Sabiex jiksbu aċċess għall-finanzjament mill-RRF, l-Istati Membri se jkollhom iħejju Pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRPs) li jistabbilixxu l-**aġendi ta' riforma u ta' investiment tagħhom** għas-snin 2021-23 u jippreżentawhom lill-Kummissjoni sat-30 ta' April. Fis-16 ta' Awwissu 2020, il-Kummissjoni stabbiliet "Task Force għall-Irkupru u r-Reżiljenza" biex tmexxi l-implimentazzjoni tal-RRF u tikkoordinaha mas-Semestru Ewropew[24], kif ukoll biex tistabbilixxi gwida dwar l-abbozzar tal-RRPs[25]. Il-pjanijiet se jkollhom jiġu adattati kif meħtieġ fl-2022 biex iservu bħala bażi għall-allokazzjoni finali tal-fondi fl-2023. Il-pjanijiet se jiġu vvalutati mill-Kummissjoni (u approvati mill-Kunsill) u l-iżborż tal-fondi se jkun suġġett għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istadji importanti fil-pjanijiet. Il-livell ogħla ta' assorbiment ta' self taħt l-RRF jista' jiddependi wkoll minn differenzi bejn ir-rendimenti tal-bonds sovrani rispettivi u l-ispiża tal-imgħax tat-teħid b'self taħt l-RRF.

[24] https://ec.europa.eu/info/departments/recovery-and-resilience-task-force_en

[25] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_20_1658

**Finanzjament tal-NGEU**

58 L-NGEU se jiġi ffinanzjat permezz tas-**swieq kapitali**. Il-Kummissjoni se tkun awtorizzata tissellef fondi f'isem l-Unjoni Ewropea, strettament fil-limitu tal-ammont ta' EUR 750 biljun (bi prezzijiet tal-2018). Dan jippermetti lill-UE timmobilizza riżorsi kbar f'perjodu ta' żmien qasir, mingħajr ma żżid id-dejn pubbliku nazzjonali matul il-kriżi.

59 Il-komponent tal-għotjiet tal-NGEU se jkollu jitħallas lura sa mhux aktar tard mill-perjodu bejn l-2028 u l-2058, permezz tal-baġits futuri tal-UE. Fiż-żmien li nkiteb dan ir-rapport analitiku, kien hemm inċertezzi u dibattiti rigward it-tfassil ta' **riżorsi proprji ġodda** biex jiġi ffaċilitat il-ħlas lura tal-obbligi tal-UE.

## Xi miżuri finanzjarji ma ġewx implimentati jew għadhom ma laħqux lill-benefiċjarji finali

60 L-interventi tas-suq tal-BĊE kellhom effetti stabbilizzanti immedjati fuq is-swieq finanzjarji. B'mod partikolari, id-differenzi fir-rendimenti tal-bonds tal-gvern ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro stabbilizzaw f'livelli aktar baxxi mill-quċċati li ntlaħqu f'nofs Marzu, b'segwitu għat-tħabbir tal-pjan ta' emerġenza tal-BĊE[26]. Barra minn hekk, il-banek ibbenefikaw ukoll minn illaxkar fil-finanzjament monetarju, minn tnaqqis temporanju ta' ċerti rekwiżiti kapitali tal-UE u minn garanziji ta' self mogħtija mill-gvernijiet. B'riżultat ta' dan, is-self tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFI) taż-żona tal-euro lill-korporazzjonijiet mhux finanzjarji u lill-gvernijiet żdied b'rati kbar ta' tkabbir minn Frar 2020 'il hawn (ara l-***Figura 21***). Madankollu, il-biċċa l-kbira mill-kreditu pprovdut lin-negozji kien immirat lejn il-finanzjament tal-kapital operatorju, filwaqt li l-kreditu għal investiment fiss kien qed jonqos[27].

[26] ESMA Report on Trends, Risks and Vulnerabilities No 2 (Settembru 2020), p. 17.

[27] https://www.ecb.europa.eu/press/pr/date/2020/html/ecb.pr200714~d6b166d17c.en.htm

## Figura 21 – Rati ta' tkabbir ta' kull xahar tas-self mill-MFIs taż-żona tal-euro




*Sors:* kalkoli tal-QEA bbażati fuq *data* pprovduta mill-BĊE (sett ta' *data* tal-BSI).

**61** Għall-kuntrarju tal-interventi tal-politika finanzjarja, l-adozzjoni ta' miżuri ġodda oħra tal-UE ġeneralment kienet modesta iżda differenti għal kull wieħed mill-istrumenti, u dan jirrifletti l-kundizzjonijiet u l-proċeduri differenti tagħhom. Mill-istatus tal-assorbiment (ara l-***Anness V***), huwa ċar li t-teħid rapidu ta' deċiżjonijiet mhux neċessarjament jissarraf f'appoġġ ta' finanzjament immedjat – l-assorbiment jiddependi min-natura u mill-istruttura tal-istrument ta' appoġġ, kif ukoll mill-kapaċità tal-Istati Membri li jużaw dawn il-fondi skont il-proċeduri u l-kundizzjonijiet li japplikaw għall-eliġibbiltà biex jintużaw il-fondi. B'mod partikolari, il-fondi SIE mhumiex imfassla biex jippermettu reazzjoni rapida għal kriżi, għall-kuntrarju ta' fond ta' assigurazzjoni jew ta' stabbilizzatur fiskali awtomatiku. Madankollu, xi wħud mir-regolamenti ġew adattati biex iżidu r-rapidità tar-rispons, inkluż l-ibbenefikar minn eliġibbiltà retroattiva mill-1 ta' Frar 2020 (skont il-pakketti CRII u CRII Plus).

**62** L-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' self tal-UE relatati mal-kriżi għadha għaddejja. Il-BEI approva jew iffirma self relatat mal-COVID-19 għal EUR 18.1 biljun (ara l-***Anness VI***) u l-fond ta' garanzija immaniġġjat mill-BEI, li ġie maqbul reċentement, sar operazzjonali fi tmiem Awwissu 2020 wara l-ikkompletar tal-proċeduri legali kollha. Sa tmiem Awwissu ma ġie żborżat l-ebda finanzjament taħt l-istrument SURE. Madankollu, f'Settembru 2020 il-Kunsill adotta l-ewwel deċiżjonijiet ta' finanzjament, li

użaw kważi 90 % tal-baġit, għal 16-il StatMembru. Permezz ta' self taħt l-istrument SURE, l-UE tista' tgħaddi rati tal-imgħax favorevoli lil dawk l-Istati Membri b'livell għoli ta' dejn pubbliku (bħall-Italja, Spanja u l-Belġju), iżda wkoll lil dawk li għandhom suq lokali tad-dejn li huwa żgħir. Dan jidher mis-sett ta' Stati Membri li talbu appoġġ taħt l-istrument SURE (ara l-*Figura 22*).

### Figura 22 – L-istrument SURE approva self għal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar




*Sors:* Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (Settembru 2020).

**63** Fiż-żmien meta kkompletajna r-rapport analitiku tagħna, l-istrument NGEU kien għadu ma ġiex adottat. Il-Ftehim bejn il-mexxejja tal-UE witta t-triq għal negozjati formali bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar id-daqs u l-kompożizzjoni, u dwar id-dettalji tar-regolamenti differenti li jirregolaw il-programmi ffinanzjati permezz tal-NGEU. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji marbuta mal-finanzjament tal-baġit tal-UE permezz tal-NGEU teħtieġ li tiġi ratifikata mill-Istati Membri kollha skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali tagħhom u, għalhekk, l-NGEU mhux se jiġi implimentat qabel l-2021.

# Il-kriżi tiskatta riskji, sfidi u opportunitajiet ġodda għall-koordinazzjoni ekonomika tal-UE

**64** Ir-rispons tal-politika ekonomika għall-COVID-19 jinvolvi firxa wiesgħa ta' miżuri kemm fil-livelli nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE, li jiskattaw riskji, sfidi u opportunitajiet għall-koordinazzjoni ekonomika u l-integrazzjoni tal-UE għal żewġ raġunijiet. L-ewwel nett, il-pandemija tista' tiġġenera riskji ta' diverġenza ekonomika fuq dimensjonijiet differenti tal-ekonomiji tal-Istati Membri. It-tieni, ir-rispons tal-UE għad-diffikultajiet emerġenti fl-Istati Membri jinvolvi sfidi u opportunitajiet għall-governanza ekonomika tal-UE biex jitfasslu u jiġu implimentati miżuri xierqa li jiżguraw konverġenza ekonomika stabbli fi ħdan l-UE.

## Riskji li jirriżultaw minn żviluppi ekonomiċi mhux uniformi fl-Istati Membri

**65** L-effetti tal-pandemija u l-politiki nazzjonali speċifiċi għall-kriżi jistgħu joħolqu **riskji ta' diverġenza ekonomika** fi ħdan l-UE u **perspettivi baxxi ta' tkabbir** li jirriżultaw minn:

- Diverġenza fiskali;
- Distorsjonijiet tal-kompetizzjoni ta' miżuri ta' għajnuna mill-Istat;
- Livell għoli u persistenti ta' qgħad;
- Investiment baxx.

**66** Il-pandemija tista' tamplifika d-**diverġenza fiskali** bejn l-Istati Membri: il-Kummissjoni tbassar żidiet ogħla fid-dejn fl-2020 fil-pajjiżi li qabel il-kriżi diġà kellhom livell ogħla ta' dejn pubbliku (ara l-*Figura 23*). Dan huwa partikolarment dovut għall-effett amplifikat tat-telf tal-PDG fuq il-proporzjonijiet tad-dejn f'pajjiżi b'dejn għoli (ara l-*Anness VII*). Pereżempju, l-impatt tat-telf tal-PDG fuq il-proporzjonijiet tad-dejn huwa l-ogħla fil-Greċja, fl-Italja u fi Spanja, u dawn il-pajjiżi huma mistennija wkoll li jġarrbu parti mill-akbar tnaqqis fil-PDG fl-2020. Reċentement, il-Kummissjoni vvalutat li l-

pożizzjoni tad-dejn pubbliku għadha sostenibbli fl-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro, iżda l-projezzjonijiet huma kkaratterizzati minn inċertezzi partikolarment kbar[28].

**67** Id-dejn pubbliku li qed jikber u t-tħassib dwar is-sostenibbiltà tiegħu jistgħu sussegwentement jillimitaw is-saħħa fiskali biex ikun hemm reazzjoni għal kriżijiet oħra, biex jiġi ffinanzjat it-tkabbir fuq terminu twil u l-konverġenza ekonomika fi ħdan l-UE u biex isir kontribut għall-istrateġiji tal-UE. Għalhekk, il-pjanijiet ta' azzjoni l-ġodda tal-UE biex isir investiment fit-tranżizzjonijiet klimatiċi u diġitali jistgħu jiffaċċjaw restrizzjonijiet ġodda ta' finanzjament nazzjonali. Sa issa, il-miżuri fiskali massivi li ttieħdu matul il-kriżi kellhom l-għan li jimmitigaw l-effetti fuq terminu qasir tal-pandemija fuq terminu qasir (ara l-paragrafu ***29***), iżda ma ffinanzjawx strateġiji ta' rkupru.

## Figura 23 – Relazzjoni bejn id-dejn pubbliku ta' qabel il-kriżi u t-tbassir tat-tkabbir tad-dejn fl-2020




*Sors:* kalkoli tal-QEA bbażati fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni (il-ħarifa tal-2020).

[28] https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/economy-finance/annex_2_debt_sustainability.pdf

**68** Il-Kummissjoni vvalutat li l-funzjonament sħiħ tas-**suq uniku** huwa essenzjali biex tingħata spinta lill-irkupru ta' wara l-pandemija[29]. Id-*data* dwar il-miżuri fiskali turi li ċerti Stati Membri adottaw pakketti relattivament akbar ta' għajnuna mill-Istat (ara l-paragrafu ***30***). Skont id-durata u l-livell ta' implimentazzjoni tagħhom, ir-reazzjonijiet nazzjonali diverġenti għall-kriżi (il-volum għoli ta' għajnuna mill-Istat, il-miżuri ta' konfinament) jistgħu joħolqu distorsjoni b'mod persistenti fil-kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku u joħolqu sfidi għall-konverġenza ekonomika u għall-kompetittività fl-UE.

**69** Il-miżuri attwali ta' appoġġ għall-**impjiegi** jimmitigaw ir-riskji ta' qgħad fuq terminu qasir (ara l-paragrafu ***34***), iżda ma jiħdux inkunsiderazzjoni l-iżviluppi fil-vijabbiltà tan-negozji. Irkupru mrażżan u riskji persistenti għas-saħħa pubblika jistgħu jwasslu għal bidliet strutturali fid-domanda u għal problemi ta' insolvenza għal għadd dejjem jikber ta' negozji, minkejja l-iskemi għaż-żamma tal-impjiegi. It-tnaqqis konsiderevoli reċenti fit-total ta' sigħat maħduma fl-ekonomija tal-UE, b'madwar 15 % fl-ewwel nofs tal-2020 meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena preċedenti (ara l-***Figura 24***), jindika livell potenzjalment għoli ta' tkabbir fil-qgħad u impatti diverġenti fost l-Istati Membri.

**70** L-esperjenza li nkisbet preċedentement bl-iskemi għaż-żamma tal-impjiegi matul il-kriżi finanzjarja globali turi li l-użu fit-tul jirriskja li jappoġġa negozji li jkunu sejrin lura, u eventwalment idewwem ir-ristrutturar u jżomm lura t-tkabbir tal-produttività[30]. L-introduzzjoni f'waqtha ta' tipi ġodda ta' miżuri fiskali għall-finanzjament ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol (bħat-taħriġ, it-taħriġ mill-ġdid) tista' tkun meħtieġa biex tappoġġa r-riallokazzjoni meħtieġa tar-riżorsi fl-ekonomija.

---

29 https://www.consilium.europa.eu/media/43384/roadmap-for-recovery-final-21-04-2020.pdf

30 "Short-time working arrangements as response to cyclical fluctuations" (Dokument Okkażjonali, il-Kummissjoni, 2010).

## Figura 24 – Bidliet totali fl-impjiegi fi tmiem Ġunju 2020




*Sors: data* pprovduta mill-Eurostat.

**71** Livell għoli ta' inċertezza relatata mal-prospetti ekonomiċi, mat-tnaqqis fid-dħul tan-negozji u mad-dejn korporattiv li qed jikber matul il-pandemija jista' jżomm lura l-**investiment** privat. It-tbassir attwali juri li t-tnaqqis fl-investiment fl-2020 huwa komparabbli ma' dak esperjenzat matul il-kriżi finanzjarja (2008-2013) u li mistenni jkun hemm varjazzjoni wiesgħa fit-tnaqqis fl-investiment din is-sena, li tista' tikkontribwixxi għar-riskju ta' żieda fid-diverġenza ekonomika fl-UE (ara l-*Figura 25*). Diskrepanza fl-investiment li tippersisti matul is-snin tirriskja li tikkontribwixxi għal tkabbir baxx fuq terminu twil. In-nuqqas ta' investiment pubbliku jista' jamplifika dawn ir-riskji; sa issa, dan ma kienx prijorità għar-risponsi fiskali nazzjonali għall-kriżi (ara l-paragrafu *36*).

### Figura 25 – Formazzjoni grossa tal-kapital fiss fis-settur privat (bidla perċentwali)




*Sors:* kalkoli tal-QEA bbażati fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni (il-ħarifa tal-2020).

## Sfidi għall-oqfsa attwali ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika u dik fiskali

**72** L-UE wriet aġilità fl-applikazzjoni tal-flessibbiltà tal-koordinazzjoni ekonomika tagħha (eż. sospensjoni tar-regoli fiskali u bidliet temporanji għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat). Dan kien meħtieġ biex jippermetti lill-Istati Membri jadottaw reazzjonijiet rapidi u adatti għall-kriżi li qed tevolvi. Madankollu, l-illaxkar straordinarju tar-regoli ewlenin, anke jekk temporanjament, jista' jkun ta' sfida għall-**kapaċità tal-Unjoni Ewropea biex tikkoordina** r-risponsi tal-politika ekonomika nazzjonali matul il-kriżi u l-irkupru.

### Sfidi għall-koordinazzjoni fiskali tal-UE

**73** Ir-rispons fiskali massiv tal-Istati Membri għall-kriżi jiskatta sfidi għall-koordinazzjoni futura tal-politiki fiskali min-naħa tal-UE:

- Iż-żieda fid-dejn u fir-riskji fiskali (ara l-paragrafu *66*) jistgħu jagħmlu r-ritorn għar-**regoli fiskali tal-UE** attwali aktar diffiċli. Anke matul il-perjodu ta' tkabbir ta' qabel

il-kriżi, ċerti Stati Membri ma kkonformawx bis-sħiħ magħhom[31]. Sfida futura għall-governanza tal-UE se tkun il-mod kif jitfassal ritorn għar-regoli attwali jew għal dawk ġodda li ma jfixkilx la l-irkupri ta' wara l-pandemija tal-Istati Membri u lanqas is-sostenibbiltà tad-dejn. Is-soluzzjoni tista' tibni fuq ir-rieżaminar attwali mwettaq mill-Kummissjoni tal-governanza ekonomika tal-UE[32].

- Barra minn hekk, l-attivazzjoni tal-"**klawżola liberatorja**" (ara l-paragrafu ***43***) ippermettiet li l-politiki fiskali nazzjonali jagħtu rispons għall-kriżi b'mod flessibbli, iżda mingħajr l-ebda koordinazzjoni min-naħa tal-UE. Din l-attivazzjoni ma kkjarifikatx ċerti aspetti operazzjonali (eż. l-indikazzjonijiet tat-twaqqit u l-kundizzjonijiet għall-ħruġ jew għar-rieżaminar)[33], li jistgħu jfixklu l-koordinazzjoni ta' miri fiskali fuq terminu medju.

**Sfidi għall-koordinazzjoni tal-politiki tal-impjiegi min-naħa tal-UE**

**74** Il-koordinazzjoni tal-politiki nazzjonali dwar l-impjieg hija kompetenza tal-UE fi ħdan il-qafas tas-Semestru Ewropew. L-impjiegi kienu prijorità taħt l-istrateġija ekonomika preċedenti tal-UE ("Ewropa 2020") u huma parti mill-istrateġija attwali tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli[34] u mil-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni għall-perjodu 2019-2024. Il-kriżi toħloq riskji għall-funzjonament effettiv tas-swieq tax-xogħol tal-UE (ara l-paragrafu ***69***). L-isfida għall-Kummissjoni hija li timmonitorja u tfassal CSRs xierqa u finanzjament tal-UE biex tikkoordina risponsi nazzjonali f'waqthom għal żidiet fil-qgħad, pereżempju taħt l-istrument SURE (ara l-paragrafu ***48***).

**Sfidi għall-politika tal-kompetizzjoni tal-UE**

**75** Fir-rigward tal-koordinazzjoni tas-**suq intern**, il-Kummissjoni adottat qafas legali li għandu l-għan li jipprovdi kriterji oġġettivi għat-tfassil ta' skemi nazzjonali ta' għajnuna mill-Istat u kundizzjonijiet li jillimitaw id-distorsjonijiet għall-kompetizzjoni, speċjalment għal impriżi b'saħħa fis-suq sinifikanti (ara l-paragrafu ***43***). Madankollu, id-daqs tal-iskemi ta' għajnuna mill-Istat adottati kienu jvarjaw fost l-Istati Membri, u, skont il-livell ta' adozzjoni, jistgħu joħolqu kundizzjonijiet mhux ekwi bejn il-kumpaniji

---

[31] Ir-Rapport Speċjali Nru 18/2018 tal-QEA: "L-objettiv prinċipali tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbilità u Tkabbir qiegħed jintlaħaq?"

[32] "Communication on the Economic Governance Review" (il-Kummissjoni, Frar 2020).

[33] "Assessment of the fiscal stance appropriate for the euro area in 2021" (il-Bord Fiskali Ewropew, l-1 ta' Lulju 2020).

[34] https://ec.europa.eu/info/strategy/international-strategies/sustainable-development-goals/eu-approach-sustainable-development-0_en

fis-suq intern (ara l-paragrafu ***68***). Il-Kummissjoni se tiffaċċja sfida kbira fil-monitoraġġ tal-iżviluppi tas-suq u tal-volumi sostanzjali ta' għajnuna mill-Istat. Il-Kummissjoni kienet diġà użat dan it-tip ta' qafas matul il-kriżi finanzjarja u dik tad-dejn sovran[35] u aħna osservajna li r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat applikati mill-Kummissjoni għas-settur finanzjarju ma kinux ġew adattati għar-realtajiet tas-suq li qed jinbidlu u għall-oqfsa regolatorji[36].

**76** Barra minn hekk, sakemm il-miżuri ta' konfinament u l-kontrolli fil-fruntieri jkomplu jirrappreżentaw sfida għall-funzjonament tas-suq uniku u għal-libertajiet fundamentali Ewropej bħall-moviment liberu transfruntier tal-merkanzija u taċ-ċittadini, il-Kummissjoni qed taqdi u se tkompli taqdi rwol importanti fid-difiża ta' tali libertajiet, billi tivverifika l-proporzjonalità tal-miżuri nazzjonali (ara l-paragrafu ***44***).

**Sfidi għas-sorveljanza tas-settur finanzjarju min-naħa tal-UE**

**77** Is-**sistema bankarja** tinsab f'pożizzjoni aħjar biex tirreżisti għall-iskoss milli kienet fl-2008[37], minkejja li xi wħud mill-Istati Membri għadhom qed jiffaċċjaw livelli relattivament għoljin ta' self improduttiv (NPLs). L-ewwel indikazzjonijiet juru li hija pprovdiet likwidità eċċezzjonali lill-ekonomija (ara l-paragrafu ***60***). L-NPLs huma mistennija li jiżdiedu b'mod sinifikanti b'konsegwenza tal-iskoss ekonomiku u l-qgħad li qed jikber, li joħolqu riskji akbar ta' kriżijiet bankarji fil-futur[38]. Il-Kummissjoni, il-BĊE u l-awtoritajiet finanzjarji tal-UE (il-BERS, l-EBA, l-ESMA, l-EIOPA, l-SRB) se jkollhom rwol diffiċli fil-monitoraġġ tar-riskji finanzjarji u/jew fl-adozzjoni ta' miżuri xierqa ta' mitigazzjoni filwaqt li jippreservaw il-fluss ta' kreditu għall-ekonomija.

---

35 "Komunikazzjoni mill-Kummissjoni - Qafas temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex isostnu l-appoġġ għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali" (ĠU C 16/01, 22.1.2009); "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, wara l-1 ta' Jannar 2011, tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja" (ĠU C 329/07, 7.12.2010).

36 Ir-Rapport Speċjali Nru 21/2020 tal-QEA "Il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat għall-istituzzjonijiet finanzjarji fl-UE: jeħtieġ li tiġi vverifikata l-idoneità tiegħu".

37 Ir-Rapport Analitiku Nru 5/2020 tal-QEA, "Il-mod kif l-UE ħadet kont tat-tagħlimiet meħuda mill-kriżi finanzjarja u dik tad-dejn sovran tal-perjodu 2008-2012".

38 https://www.ecb.europa.eu/pub/financial-stability/fsr/html/ecb.fsr202005~1b75555f66.en.html # TOC22

## Strument tal-UE għall-Irkupru: opportunitajiet, riskji u sfidi ġodda

**78** L-NGEU propost jinvolvi riskji, sfidi u opportunitajiet ġodda għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi min-naħa tal-UE u għall-ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-UE:

- Riskji għall-adegwatezza finanzjarja;
- Riskji għall-implimentazzjoni;
- Riskji għall-monitoraġġ;
- Riskji għall-obbligu ta' rendikont;
- Sfidi għall-ġestjoni tar-riskju finanzjarju;
- Opportunitajiet għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni ekonomika tal-UE.

**Riskji għall-adegwatezza finanzjarja**

**79** L-istrument NGEU huwa finanzjarjament sinifikanti u se jipprovdi finanzjament għal għadd ta' programmi u oqsma tematiċi ewlenin. Madankollu, matul in-negozjati bosta ideat oħra ambizzjużi għal appoġġ f'oqsma speċifiċi ma ġewx appoġġat mill-Kunsill Ewropew. Bħala eżempju prominenti, il-ftehim tal-Kunsill Ewropew dwar l-NGEU jeskludi l-istrument propost mill-Kummissjoni biex tiġi appoġġata l-**ekwità tan-negozji** (SSI), mingħajr ma ġiet prevista l-ebda alternattiva (ara l-***Anness IV***). Hemm riskju li:

- ma tinstab l-ebda soluzzjoni xierqa biex jittaffa l-ingranaġġ żejjed li għadd dejjem jiżdied ta' negozji jistgħu jiffaċċjaw matul il-kriżi attwali. Għalhekk, hemm riskju ta' fallimenti massivi u/jew akkwiżizzjonijiet ostili minn kompetituri barranin li jistgħu jdgħajfu l-funzjonament xieraq tas-suq uniku u l-kompetittività tal-UE;
- il-mira tal-proposta tal-Kummissjoni għall-finanzjament ta' investiment li jammonta għal EUR 1.4 triljun tista' ma tintlaħaqx, billi l-SSI tfassal biex jingrana investiment li jammonta sa EUR 300 biljun.

**80** L-effettività tal-NGEU se tiddependi wkoll mid-**daqs tiegħu mqabbel mad-durata u l-impatt tal-pandemija**. Għalkemm sinifikanti, il-pakketti finanzjarji l-ġodda huma bbażati fuq it-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni li kellu riskji kbar ta' ċaqliq 'l isfel[39].

[39] "European Economic Forecast – Spring 2020" (il-Kummissjoni), p. 68.

Jekk ir-riskji jimmaterjalizzaw, jista' jkun li l-impatt stmat tal-istrument, l-ammont u/jew l-istruttura tiegħu jiġu vvalutati mill-ġdid kif meħtieġ.

**Riskji għall-implimentazzjoni**

**81** L-effettività tal-NGEU u tal-QFP li jmiss fil-mitigazzjoni tal-impatti tal-kriżi tal-COVID-19 fuq it-tkabbir u l-konverġenza mhijiex garantita. Dan se jiddependi b'mod kruċjali mill-karatteristiċi ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari:

- Id-**disponibbiltà f'waqtha tal-fondi**, li tiddependi minn fatturi bħar-ratifika rapida tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji mill-Istati Membri; l-adozzjoni rapida tal-baġit il-ġdid fuq terminu twil u tal-leġiżlazzjoni settorjali l-ġdida; il-kapaċità tal-Kummissjoni li tmexxi l-implimentazzjoni tal-proġetti b'mod rapidu u mingħajr xkiel.
- L-**assorbiment għoli**, billi l-NGEU jista' jipproduċi biss l-impatti mixtieqa jekk l-Istati Membri jkunu jistgħu jassorbu l-fondi. Madankollu, l-assorbiment għoli jinsab f'riskju. Diġà fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti tal-politika Ewropea ta' koeżjoni, aħna identifikajna problemi konsiderevoli ta' assorbiment: xi wħud mill-Istati Membri bl-aktar rati baxxi ta' assorbiment fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali x'aktarx li jiksbu appoġġ sostanzjali mill-RRF[40].
- Il-**kwalità tal-infiq u tar-riformi**, b'mod partikolari l-istrateġiji u l-kapaċitajiet tal-Istati Membri biex jaħtfu l-opportunitajiet li jtejbu t-tkabbir offruti permezz tal-mezzi l-ġodda ta' finanzjament tal-UE. Hemm riskju li l-Istati Membri ma jkunux lesti jew kapaċi jimplimentaw riformi jew investimenti ambizzjużi. Fl-2019, il-Kunsill tenna l-ħtieġa għal aktar riformi strutturali biex jitneħħew il-konġestjonijiet għall-investiment[41]. Fil-qafas tas-Semestru Ewropew, aħna osservajna rati baxxi ta' implimentazzjoni tas-CSRs u li l-effettività tas-Semestru Ewropew kienet tiddependi mil-livell ta' sjieda nazzjonali u mill-impenn tal-Istati Membri biex jimplimentaw is-CSRs fi żmien raġonevoli[42].

**82** L-objettivi tal-RRF huma komuni għal programmi oħra tal-UE, u dan għandu vantaġġi f'termini ta' komplementarjetà u sinerġija. Madankollu, dan iżid ir-riskju ta'

---

[40] L-Opinjoni Nru 6/2020 tal-QEA dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

[41] "Konklużjonijiet tal-Kunsill Ecofin dwar l-Analiżijiet fil-fond u l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2018" (it-3 ta' Mejju 2019)

[42] Ir-Rapport Speċjali Nru 16/2020 tal-QEA "Is-Semestru Ewropew – ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi jindirizzaw problemi importanti iżda jeħtieġu implimentazzjoni aħjar".

**finanzjament doppju** u kompetizzjoni bejn programmi differenti. Il-QEA ssuġġeriet li jenħtieġ li l-RRF tinkludi mekkaniżmi adatti biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni ma' sorsi oħra ta' finanzjament mill-UE u biex tiġi żgurata l-addizzjonalità[43]. Il-gwida tal-Kummissjoni għall-Istati Membri[44] tirrikjedi arranġamenti xierqa biex jiġi żgurat li d-demarkazzjoni bejn l-istrumenti differenti tiġi rrispettata tul l-implimentazzjoni kollha tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li l-finanzjament doppju jiġi eskluż fi kwalunkwe ħin.

**Riskji għall-monitoraġġ**

**83** Reċentement, aħna indikajna għadd ta' dgħufijiet relatati mal-funzjonament tas-Semestru Ewropew, pereżempju l-għażla u l-prijoritizzazzjoni tas-CSRs u każijiet fejn il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma ppreżentati mill-Istati Membri ma jorbtux b'mod ċar il-miżuri proposti tagħhom mas-CSRs jew mal-objettivi usa' tal-UE[45]. Dawn il-punti huma rilevanti wkoll għall-pjanijiet imressqa mill-Istati Membri fir-rigward tal-RRF, li huwa mistenni li jispjegaw kif biħsiebhom jużaw il-fondi biex jindirizzaw il-prijoritajiet tal-UE u s-CSRs[46]. Għalhekk hemm riskju li l-RRPs, peress li huma bażi għall-iżborż tal-RRF, ma jkunx fihom b'mod suffiċjenti **strateġiji nazzjonali ċari u objettivi ambizzjużi**. Għall-kuntrarju tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma, dawk il-pjanijiet se jkollhom jiġu approvati mill-Kummissjoni u mill-Kunsill, u dan huwa mistenni li jimmitiga dawn ir-riskji.

**84** Barra minn hekk, filwaqt li l-istadji importanti u l-miri jridu jiġu stabbiliti fil-livell tal-Istati Membri fl-RRPs tagħhom, aħna indikajna li r-regolament propost ma fih l-ebda **indikatur komuni tar-riżultati** u l-ebda mira fil-livell tal-UE[47]. Dan ikun jiffaċilita t-twettiq ta' monitoraġġ, kejl, evalwazzjoni u awditjar aħjar tal-implimentazzjoni tal-RRF fil-livell tal-UE, u jiggwida lill-Istati Membri fl-użu tar-riżorsi tagħhom b'mod aktar effettiv biex jintlaħqu l-għanijiet tal-UE. Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-Istrateġija

[43] L-Opinjoni Nru 6/2020 tal-QEA dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

[44] Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni – Guidance to Member States for recovery and resilience plans, 17.9.2020, SWD(2020) 205 final

[45] Ir-Rapport Speċjali Nru 16/2020 tal-QEA "Is-Semestru Ewropew – ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi jindirizzaw problemi importanti iżda jeħtieġu implimentazzjoni aħjar".

[46] "Guidance to Member States on Recovery and Resilience Plans – Part 2" (SWD (2020) 205 final).

[47] L-Opinjoni Nru 6/2020 tal-QEA dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2021[48], il-Kummissjoni pprovdiet għadd ta' indikaturi u miri tal-UE fis-seba' inizjattivi emblematiċi Ewropej tagħha. Fil-gwida tagħha għall-Istati Membri, il-Kummissjoni stiednet lil dawn tal-aħħar biex jispjegaw liema partijiet tal-RRPs jikkontribwixxu għal tali inizjattivi emblematiċi.

**Riskji għall-obbligu ta' rendikont**

**85** Il-miżuri ta' kriżi se jġibu magħhom riskji ġodda għall-ġestjoni finanzjarja tal-UE, u konsegwentement għall-awditjar u l-obbligu ta' rendikont pubbliku. Il-QEA rrappurtat li strumenti barra mill-baġit tal-UE ma għandhomx dispożizzjonijiet adegwati fir-rigward tal-obbligu ta' rendikont lejn iċ-ċittadini f'dak li jirrigwarda r-riżultati tal-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE[49]. L-inizjattivi finanzjarji inizjali (CRII u SURE) huma mfassla biex jikkonformaw bis-sħiħ mar-regolamenti finanzjarji tal-UE.

**86** L-RRF l-aktar reċenti mhuwiex fond SIE u għalhekk jieħu approċċ differenti f'dak li jirrigwarda l-obbligu ta' rendikont. Fl-opinjoni tagħna dwar l-RRF[50], aħna niġbdu l-attenzjoni għal xi kunsiderazzjonijiet importanti fir-rigward tad-**dispożizzjonijiet tal-awditjar u tal-obbligu ta' rendikont tal-RRF** (ara l-***Anness VIII***). Aħna nenfasizzaw b'mod partikolari l-ħtieġa għal monitoraġġ mill-qrib ibbażat fuq indikaturi u miri verifikabbli, fuq skrutinju parlamentari ċar u fuq drittijiet tal-awditjar preċiżi. Standards għoljin ta' obbligu ta' rendikont u arranġamenti komprensivi tal-awditjar jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-effettività tal-faċilità.

**Sfidi għall-ġestjoni tar-riskju finanzjarju**

**87** L-istrumenti ta' kriżi ġodda (SURE, NGEU) jinvolvu **operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self** fuq skala kbira (ara l-paragrafi ***48***, ***58***). Filwaqt li din mhijiex attività ġdida għall-Kummissjoni, hija se tiffaċċja l-isfida li żżid il-kapaċitajiet amministrattivi tagħha f'perjodu qasir ta' żmien biex tiżgura aktar minn qatt qabel il-ġestjoni tajba ta' tranżazzjonijiet akbar fis-swieq kapitali, inkluż il-ħruġ ta' bonds u l-ġestjoni tar-riskji finanzjarji (bħar-riskju tar-rata tal-imgħax, ir-riskju ta' kreditu, ir-riskju ta' frodi).

**88** It-teħid b'self tal-Kummissjoni se jiffinanzja kemm l-għotjiet u l-garanziji (NGEU) kif ukoll is-self (NGEU, SURE). Is-self irid jitħallas lura mill-Istati Membri u għalhekk ma

---

[48] "L-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli tal-2021", (COM(2020) 575 final)

[49] "Future of EU finances: reforming how the baġit tal-UE operates", (il-QEA, Dokument Informattiv u Analitiku, Frar 2018), il-paragrafu 26.

[50] L-Opinjoni Nru 6/2020 tal-QEA dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

jeħtieġx riżorsi addizzjonali tal-UE, sakemm il-garanzija tal-baġit tal-UE ma tintalabx fil-każ ta' inadempjenza. Attwalment ma hemm l-ebda proposta għal mekkaniżmu formali (bħas-sorveljanza ta' wara l-programm[51] fil-każ ta' self mill-EFSM u mill-MES) għall-monitoraġġ tal-kapaċità ta' ħlas lura tal-Istati Membri għal dan is-self.

**89** Il-komponent tal-għotjiet se jitħallas lura direttament mill-baġit tal-UE wara l-2027 u sa mhux aktar tard mill-2058. Biex jissodisfa dawn l-obbligi, il-Kunsill Ewropew qabel li jittrasferixxi kontribuzzjonijiet nazzjonali eċċezzjonali, sa 0.6 % tal-ING rispettiv, għall-baġit tal-UE kull sena sakemm l-ammonti mislufa jitħallsu lura bis-sħiħ. Il-Kunsill Ewropew qabel li joħloq riżorsa proprja ġdida fuq l-iskart tal-plastik mhux irriċiklat u li jesplora l-introduzzjoni ta' **riżorsi proprji ġodda** oħra fil-futur (eż. mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera jew imposta diġitali), iżda d-dettalji jeħtieġ li jiġu kkjarifikati fil-proposti futuri tal-Kummissjoni. L-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda tal-UE hija opportunità biex titnaqqas il-pressjoni fuq il-baġits nazzjonali u l-baġit tal-UE, kif ukoll l-impatt ta' kwalunkwe riskju politiku fuq l-integrità tad-dħul tal-UE. Sorsi ġodda ta' dħul jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-prijoritajiet tal-UE bħall-azzjoni klimatika u l-iżvilupp sostenibbli.

**Opportunità għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni ekonomika tal-UE**

**90** L-istrateġiji ekonomiċi tal-UE, bħat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-pjan ta' azzjoni għas-suq uniku[52] u l-istrateġija industrijali[53] (adottati reċentement) jistgħu jmexxu l-irkupru ta' wara l-pandemija, jagħtu spinta lill-investiment u jaġixxu bħala ingranaġġ biex iwasslu l-ekonomiji tal-UE fil-perkors tat-tkabbir ekonomiku fuq terminu twil. Aħna nosservaw li r-rabta tal-RRF propost mas-Semestru Ewropew għandha l-għan li **tikkoordina l-istrateġiji nazzjonali ta' rkupru** u tallinjahom b'mod effettiv mal-istrateġiji ekonomiċi tal-UE. Dan jista' jinċentiva lill-Istati Membri biex jonfqu l-finanzjament addizzjonali fuq ir-riformi strutturali u l-investiment b'impatt kbir fuq it-tkabbir fuq terminu twil. Il-Kummissjoni pproponiet li jenħtieġ li jiġu inklużi stadji importanti ċari u kriterji ta' progress verifikabbli fl-RRPs, li jenħtieġ li jkunu suġġetti għal monitoraġġ bir-reqqa matul il-fażi ta' implimentazzjoni.

**91** It-tfassil tal-RRF joħloq ukoll l-opportunità li jiġi ġġenerat **impatt rapidu** fuq l-irkupru ekonomiku. B'mod partikolari, il-possibbiltà li l-iżborżi ta' fondi jiġu kkonċentrati fil-bidu tal-perjodu u regoli differenti ta' nfiq (ara l-paragrafu ***53***) ireġġgħu

[51] Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013.

[52] https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/communication-enforcement-implementation-single-market-rules_en_0.pdf

[53] "Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa" (COM/2020/102 final).

lura l-loġika prevalenti sa issa rigward l-infiq tal-baġit tal-UE, li tipikament żdiedet lejn tmiem il-perjodu tal-qafas finanzjarju minħabba l-proċess twil tal-programmazzjoni u t-tħejjija tal-proġetti. Il-loġika l-ġdida - ibbażata fuq stadji importanti tal-politika - tista' tikkontribwixxi għall-irkupru ftit wara l-iskoss ekonomiku jekk l-implimentazzjoni tal-istadji importanti u l-miri ma tkunx suġġetta għal dewmien kbir.

**92** Il-kriżijiet finanzjarji u sovrani preċedenti fl-UE skattaw riformi sostanzjali tar-regoli finanzjarji tal-UE (ġabra unika ta' regoli, il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja) jew wasslu għal mekkaniżmi msaħħa jew ġodda ta' koordinazzjoni ekonomika (is-"six-pack", it-"two-pack", is-Semestru Ewropew, il-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku) jew tipi ġodda ta' assistenza makrofinanzjarja disponibbli għall-Istati Membri (l-MES, l-EFSM)[54]. Madankollu, l-assistenza finanzjarja tal-UE disponibbli (l-EFSM, il-faċilità tal-bilanċ tal-pagamenti) ma ntużatx matul il-kriżi pandemika, billi tfasslet biex tindirizza tipi differenti ta' kriżijiet u biex tikkoreġi l-iżbilanċi ekonomiċi.

**93** Filwaqt li r-regoli fiskali tal-UE huma fis-seħħ, il-kriżi li għaddejja bħalissa għandha t-tendenza li taggrava t-tendenza preċedenti tad-diverġenza fiskali (ara l-paragrafu ***66***) u tiftaħ mill-ġdid id-dibattitu dwar il-ħtieġa għal għodod komuni ta' stabbilizzazzjoni makroekonomika fl-unjoni monetarja[55]. Il-Grupp tal-Euro impenja lilu nnifsu mill-ġdid biex ikompli x-xogħol sabiex jissaħħu aktar l-arkitettura u r-reżiljenza għall-iskossi tal-unjoni monetarja[56]. Il-kriżi tal-COVID-19 tista' tipprovdi l-opportunità biex tingħata ħarsa mill-ġdid lejn l-inizjattivi intenzjonati biex isaħħu l-koordinazzjoni ekonomika fiż-żona tal-euro, li kienu ġew proposti qabel it-tifqigħa tal-pandemija (ara l-***Anness IX***).

**94** Il-kriżi attwali għandha impatti u kawżi differenti, iżda toffri wkoll l-opportunità li ssir riflessjoni dwar aktar titjib fil-**kapaċità finanzjarja tal-istituzzjonijiet tal-UE** biex jirreaġixxu b'mod rapidu għal skossi ekonomiċi kbar sabiex jimmitigaw id-diverġenza ekonomika potenzjali fost l-Istati Membri tagħha xprunata minn tali skossi. L-evoluzzjoni tal-miżuri tal-UE matul din il-kriżi wriet li l-baġit tal-UE ma kienx adattat għall-iskala tal-ħtiġijiet tal-Istati Membri (ara b'mod partikolari l-paragrafi ***41***, ***46***, ***61***).

[54] Ir-Rapport Analitiku Nru 5/2020 tal-QEA, "Il-mod kif l-UE ħadet kont tat-tagħlimiet meħuda mill-kriżi finanzjarja u dik tad-dejn sovran tal-perjodu 2008-2012".

[55] "Assessment of the fiscal stance appropriate for the euro area in 2021" (il-Bord Fiskali Ewropew, Lulju 2020).

[56] "Statement on COVID-19 economic policy response" (il-Grupp tal-Euro, is-16 ta' Marzu 2020).

L-NGEU u SURE huma temporanji, iżda jistgħu jittestjaw il-ħtieġa għall-istabbiliment ta' tali strumenti ta' stabbilizzazzjoni permanenti.

Dan ir-rapport analitiku ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Alex BRENNINKMEIJER, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fl-24 ta' Novembru 2020.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Klaus-Heiner LEHNE
*Il-President*

# Annessi

## Anness I – Varjazzjoni fit-telf tal-PDG fost il-pajjiżi matul il-pandemija: spjegazzjoni statistika

### Ebda ponderazzjoni

| Varjabbli | Koeffiċjent | Żball Standard | Statistika t | Prob. |
|---|---|---|---|---|
| C | 0.049077 | 0.055015 | 0.892075 | 0.3830 |
| TURIŻMU1 | -0.730315 | 0.328399 | -2.223861 | 0.0378 |
| STRETTEZZA | -0.360840 | 0.129799 | -2.779996 | 0.0116 |
| R-kwadrat | 0.430685 | Medja varjabbli dipendenti | | -0.112609 |

### Ponderazzjonijiet tal-PDG

| Varjabbli | Koeffiċjent | Żball Standard | Statistika t | Prob. |
|---|---|---|---|---|
| C | 0.000870 | 0.000337 | 2.578985 | 0.0179 |
| TURIŻMU1_Y | -1.805882 | 0.258049 | -6.998202 | 0.0000 |
| STRETTEZZA_Y | -0.331146 | 0.009569 | -34.60612 | 0.0000 |
| R-kwadrat | 0.983588 | Medja varjabbli dipendenti | | -0.005994 |

### Ponderazzjonijiet tal-popolazzjoni

| Varjabbli | Koeffiċjent | Żball Standard | Statistika t | Prob. |
|---|---|---|---|---|
| C | 0.000939 | 0.000471 | 1.992262 | 0.0602 |
| TURIŻMU1_P | -1.526311 | 0.328663 | -4.644001 | 0.0002 |
| STRETTEZZA_P | -0.325346 | 0.014576 | -22.32012 | 0.0000 |
| R-kwadrat | 0.964087 | Medja varjabbli dipendenti | | -0.006027 |

*Nota:* Għat-tliet rigressjonijiet bejn il-pajjiżi, il-varjabbli dipendenti huwa t-tnaqqis fil-volum tal-PDG fit-tieni trimestru tal-2020, sena wara sena (*data* tal-Eurostat). Il-varjabbli ta' spjegazzjoni li nstabu li kienu sinifikanti huma: l-Indiċi tal-Istrettezza mill-Università ta' Oxford[57], is-sehem tat-turiżmu fl-impjiegi totali (*data* tal-Eurostat). Ir-rigressjonijiet huma speċifikati taħt tliet alternattivi biex tiġi vvalidata r-robustezza tar-riżultati. Filwaqt li l-pajjiżi jirċievu ponderazzjoni identika fir-rigressjonijiet mhux ponderati, il-pajjiżi l-kbar huma aktar importanti fl-approċċi ponderati (PDG u popolazzjoni).

[57] https://covidtracker.bsg.ox.ac.uk/

# Anness II – Reazzjonijiet ekonomiċi prinċipali tal-UE (Marzu-Awwissu 2020)

**MARZU**

**12** B'rispons għall-istress fis-swieq finanzjarji, il-BĊE jiddeċiedi li jwettaq operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien twil (LTROs) addizzjonali biex jipprovdi likwidità lill-banek u programm addizzjonali ta' xiri ta' assi, b'valur ta' EUR 120 biljun, li huwa validu sa tmiem l-2020. Il-BĊE jiddeċiedi li jippermetti li l-banek taż-żona tal-euro joperaw temporanjament mingħajr ma jirrispettaw ċerti rekwiżiti kapitali.

**13** Il-Kummissjoni tadotta Linji Gwida dwar ir-rispons ekonomiku kkoordinat għat-Tifqigħa tal-COVID-19.

**16** Il-Grupp tal-BEI jħabbar miżuri minn programmi eżistenti biex jiġu mmobilizzati sa EUR 40 biljun biex jiġu ffinanzjati azzjonijiet relatati mas-saħħa u negozji milquta mill-kriżi, li għandhom jiġu parzjalment garantiti mill-baġit tal-UE.

**18** Il-BĊE jiddeċiedi li jniedi Programm ta' Xiri ta' Emerġenza fil-każ ta' Pandemija (PEPP) temporanju b'pakkett ta' EUR 750 biljun.

**19** Il-Kummissjoni tadotta Qafas Temporanju bbażat fuq l-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE biex il-gvernijiet ikunu jistgħu jappoġġaw lin-negozji matul il-kriżi (permezz ta' għotjiet, garanziji, self issussidjat, rikapitalizzazzjonijiet).

**23** Il-Kunsill japprova l-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi attivata l-"klawżola liberatorja ġenerali" tar-regoli fiskali tal-UE.

**30** L-adozzjoni ta' emendi għar-Regolament tal-FEŻR u għar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, biex jiġi permess l-użu flessibbli ta' EUR 37 biljun ta' fondi ta' koeżjoni għall-finanzjament ta' azzjonijiet relatati mal-kriżi f'żoni li l-aktar għandhom bżonn.

**APRIL**

**09** Il-Grupp tal-Euro f'format inklużiv jaqbel li joħloq tliet xbieki ta' sikurezza finanzjarja b'valur ta' EUR 540 biljun li għandhom jiġu mmaniġġjati mill-MES, mill-Grupp tal-BEI u mill-Kummissjoni.

**17** L-adozzjoni ta' baġit emendatorju tal-UE għall-2020, bi EUR 3 biljun addizzjonali għall-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza u l-mekkaniżmu għall-protezzjoni ċivili.

**30** Il-BĊE jiddeċiedi li jwettaq Operazzjonijiet ta' Rifinanzjament ta' Emerġenza Pandemika Fuq Żmien Itwal (PELTRO) bejn Mejju u Diċembru 2020 sabiex jipprovdi likwidità lill-banek.

**MEJJU**

**27** Il-Kummissjoni tipproponi fond tal-UE għall-irkupru ("Next Generation EU") b'valur ta' EUR 750 biljun.

**ĠUNJU**

**04** Il-BĊE jiddeċiedi li jżid il-pakkett tal-PEPP b'EUR 600 biljun u li jestendi l-orizzont tal-PEPP għal mill-inqas sa tmiem Ġunju 2021.

**LULJU**

**21** Il-Kunsill Ewropew jilħaq qbil dwar fond tal-UE għall-irkupru ("Next Generation EU") b'valur ta' EUR 750 biljun.

# Anness III – Bidliet relatati mal-COVID-19 għall-baġit tal-UE għall-2020 meta mqabbel mal-baġit inizjali

| Intestatura tal-QFP | Riallokazzjoni | Allokazzjonijiet tal-impenji msaħħa | Allokazzjonijiet tal-pagamenti msaħħa |
|---|---|---|---|
| Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi | 1.7 | | |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 54 | | 22.6 |
| *Li minnhom:*<br>*CRII*<br>*CRII+* | *54* | | *8*<br>*14.6* |
| Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali | 0.1 | | 0.7 |
| Sigurtà u ċittadinanza | | 3 | |
| *Li minnhom:*<br>*Strument għall-Appoġġ ta' Emerġenza* | | *2.7* | |
| Ewropa Globali | 11.5 | 0.1 | |
| Strumenti speċjali li ma jaqgħux taħt il-limiti massimi tal-QFP (FSUE) | 0.2 | | |
| **Total tal-approprjazzjonijiet ta' impenn** | **67.5** | **3.1** | |
| **Total tal-approprjazzjonijiet ta' pagament** | | | **23.3** |

*Nota: data* f'biljun EUR fi tmiem Awwissu 2020.

*Sors:* il-Kummissjoni.

## Anness IV – Ammonti disponibbli taħt l-NGUE

**01** Il-biċċa l-kbira mill-fondi tal-NGEU huma kkonċentrati fuq l-appoġġ tal-**koeżjoni u l-konverġenza ekonomika**:

- Ammont ta' **EUR 672.5 biljun għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza** (maqbul mill-Kunsill Ewropew): tirrappreżenta strument ġdid ewlieni tal-NGEU, li joffri appoġġ finanzjarju fuq skala kbira għall-investimenti u r-riformi li jirrestawraw il-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomiji, jindirizzaw l-isfidi identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, u jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji ekoloġiċi u diġitali tal-UE;

- Ammont ta' **EUR 47.5 biljun għall-programm REACT-EU** (maqbul mill-Kunsill Ewropew): li jikkonsisti f'għotjiet ta' koeżjoni li għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri abbażi tas-severità tal-kriżi ekonomika.

**02** **Għotja ta' appoġġ ta' EUR 30 biljun** (maqbula mill-Kunsill Ewropew) se ssaħħaħ l-Intestaturi tal-QFP "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali" u "Riżorsi Naturali u Ambjent":

- **Tisħiħ tal-allokazzjoni tal-QFP għal InvestEU:** il-programm huwa s-suċċessur tal-FEIS u għandu l-għan li jkompli jappoġġa l-investimenti strateġiċi. Il-Kunsill Ewropew naqqas l-allokazzjoni proposta għall-garanziji mill-ammont inizjali ta' EUR 31.2 biljun għal EUR 5.6 biljun, fejn l-impatt ekonomiku tagħha se jkun aktar limitat. Il-"Faċilità għall-Investiment Strateġiku" proposta taħt InvestEU, li kellha l-għan li tippromwovi l-istrateġija industrijali ġdida tal-EU, ma kienx hemm qbil dwarha;

- Ma kienx hemm qbil mill-Kunsill Ewropew rigward l-allokazzjoni proposta ta' EUR 26 biljun għal **Strument ta' Appoġġ għas-Solvenza** ġdid. Dan l-istrument kellu l-għan li jgħin fil-prevenzjoni ta' insolvenzi permezz ta' investimenti fl-ekwità f'setturi li huma l-aktar finanzjarjament milquta mill-pandemija;

- **Tisħiħ ta' xi wħud mill-programmi: Orizzont Ewropa** (biex jiġi pprovdut appoġġ għal attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni relatati mas-saħħa u l-klima), **RescEU** (biex jissaħħaħ il-mekkaniżmu tal-Unjoni għall-protezzjoni ċivili), il-**FAEŻR** (biex tiġi pprovduta assistenza lis-setturi tal-biedja u tal-ikel li ntlaqtu ħażin mill-kriżi) u **EU4Health** (biex jiġi pprovdut appoġġ immirat sabiex isir titjib fis-sistemi nazzjonali tas-saħħa). Ma kienx hemm qbil mill-Kunsill Ewropew rigward parti mill-finanzjament tagħhom;

- **Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta:** dan il-fond għandu l-għan li jappoġġa d-diversifikazzjoni u r-rikonverżjoni ekonomiċi tat-territorji l-aktar milquta mit-

tranżizzjoni lejn ekonomiji b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju. Il-proposta tal-Kummissjoni allokat EUR 30 biljun għall-fond, minbarra l-EUR 10 biljun inklużi fil-QFP li jmiss. Madankollu, il-Kunsill Ewropew naqqas l-allokazzjoni għal EUR 10 biljun.

**03** Iċ-ċifri f'dan l-anness jirreferu għall-miżuri maqbula fi tmiem Awwissu 2020 (ara wkoll il-***Figura A***).

## Figura A – Komponenti tal-NGEU: Tqabbil bejn il-proposta tal-Kummissjoni u dik tal-Kunsill Ewropew (f'biljun EUR)



## Anness V – Livell ta' implimentazzjoni ta' miżuri finanzjarji differenti tal-UE u tal-MES

| Istituzzjoni | Strumenti | Fondi disponibbli | Status tal-adozzjoni |
|---|---|---|---|
| Il-Kummissjoni | CRII/CRII+ | EUR 54 biljun fl-2020 | Sa tmiem Lulju 2020, kien hemm 97 emenda għall-programmi operazzjonali rilevanti għall-coronavirus ikkonfermati minn 18-il Stat Membru. Sa Ottubru, madwar EUR 14-il biljun ġew riallokati fi 23 Stat Membru u fir-Renju Unit għal investimenti dedikati għall-ġlieda kontra l-kriżi ekonomika u tas-saħħa. Ammont ta' EUR 8 biljun addizzjonali huwa disponibbli għall-Istati Membri bħala prefinanzjament annwali mhux irkuprat. Madankollu, minħabba l-proċeduri u l-allokazzjonijiet baġitarji attwali, huwa probabbli li r-riżorsi disponibbli fl-2020 se jkunu limitati għal prefinanzjament ta' EUR 8 biljun, filwaqt li l-fondi li jifdal jistgħu jitħallsu mill-2021. |
| | FSUE | EUR 0.18 biljun fl-2020 | Intalbet assistenza minn 19-il Stat Membru, iżda l-ebda fond għadu ma ntuża billi l-allokazzjoni għal kull pajjiż kienet qed tiġi evalwata mill-Kummissjoni sa tmiem l-2020. Minn Ottubru, il-Kummissjoni pproponiet li tiżborża pagamenti bil-quddiem lil seba' Stati Membri li għamlu talba għalihom. Huwa mistenni li l-pagamenti sħaħ għall-applikazzjonijiet tal-COVID-19 se jiġu mmobilizzati fl-2021, suġġett għad-disponibbiltà baġitarja. |
| | SIE: | EUR 2.7 biljun fl-2020 | Sa tmiem Awwissu, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni ta' Finanzjament u żewġ emendi, li ppermettew li jiġi allokat il-finanzjament kollu ħlief EUR 100 miljun. Sehem sostanzjali tal-fondi ġew allokati għall-ftehimiet mal-iżviluppaturi tal-vaċċini. |
| | SURE | EUR 100 biljun f'appoġġ fil-forma ta' self | B'segwitu għall-proposta tal-Kummissjoni f'Awwissu, il-Kunsill approva f'Settembru t-talbiet minn 16-il Stat Membru għal self li jammonta għal EUR 87.4 biljun. F'Ottubru, il-Kunsill approva EUR 0.5 biljun għall-Ungerija u l-Kummissjoni ħarġet b'suċċess l-ewwel bonds ta' EUR 17 biljun biex tiffinanzja l-istrument SURE. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| BEI | Inizjattivi inizjali relatati mal-COVID-19 | EUR 28 biljun ta' finanzjament potenzjali | Sa nofs Awwissu, il-BEI kien irċieva 72 talba għal proġetti relatati mal-COVID-19 li jammontaw għal EUR 21 biljun minn 23 Stat Membru. Minn dan l-ammont, il-BEI approva jew iffirma proġetti għal EUR 18.1 biljun, filwaqt li l-ammont ta' EUR 2.1 biljun kien qed jiġi evalwat. |
| | PEGF | EUR 200 biljun ta' finanzjament potenzjali | Fi tmiem Awwissu ġew ikkompletati proċeduri preparatorji, ladarba mill-inqas 60 % tal-garanziji nazzjonali għall-fond ġew ratifikati. Sa tmiem Awwissu ma kien tnieda l-ebda proġett ta' finanzjament. |
| MES | PCS | EUR 240 biljun | Ma waslet l-ebda talba mill-Istati Membri. |

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* kkompilata.

# Anness VI – Is-sitwazzjoni attwali tar-reazzjoni finanzjarja tal-BEI għall-kriżi tal-COVID-19

**01** Fit-18 ta' Awwissu 2020, il-BEI rrapporta 72 proġett ta' finanzjament: 15 qed jiġu evalwati, 26 ġew iffirmati u l-31 li jifdal ġew approvati. Il-proġetti approvati jammontaw għal EUR 8.8 biljun, filwaqt li dawk li ġew iffirmati jammontaw għal EUR 10.1 biljun u dawk li qed jiġu evalwati għal EUR 2.1 biljun (ara l-*Figura A*). Kważi 55 % tal-proġetti ġew ippreżentati bejn Ġunju u Lulju, li jirrappreżentaw madwar 75 % tal-baġit totali.

## Figura A – Ripartizzjoni tal-proġetti relatati mal-COVID-19, skont l-istatus tal-approvazzjoni




*Nota:* Qabel l-approvazzjoni ta' finanzjament mill-Bord tad-Diretturi, u qabel l-iffirmar tas-self, il-proġetti qed jiġu evalwati u nnegozjati.

*Sors:* bażi ta' *data* pubblika tal-BEI[58].

**02** L-Italja hija l-pajjiż bl-ogħla għadd ta' proġetti tal-BEI (18), segwita minn Spanja (13), il-Polonja (5) u Franza (5). F'termini ta' ammont ibbaġitjat (ara l-*Figura B*), l-Italja hija l-pajjiż li sa issa qed jibbenefika l-aktar minn intervent tal-BEI (EUR 7 biljun), segwita minn Spanja (EUR 4 biljun), Franza (EUR 2.2 biljun) u l-Polonja (EUR 2.1 biljun).

[58] https://www.eib.org/en/projects/pipelines/index.htm?q=covid&sortColumn=projectStatusDate&sortDir=desc&pageNumber=0&itemPerPage=25&pageable=true&language=EN&defaultLanguage=EN&yearFrom=2020&yearTo=2020&countries.region=1&orCountries.region=true&orCountries=true&orSectors=true&orStatus=true

### Figura B – Ripartizzjoni tal-proġetti relatati mal-COVID-19, skont il-pajjiż




*Sors:* bażi ta' *data* pubblika tal-BEI.

**03** B'kollox, 79% minnhom huma mmirati lejn SMEs (57 proġett), 11 % lejn il-kura tas-saħħa (8), 4 % lejn l-enerġija (3), 3 % lejn l-R&Ż (2) u 2 % lejn l-ambjent. F'termini tal-ammonti involuti, 66 % tal-garanziji jmorru għall-SMEs (EUR 13.909 miljun), 29 % għall-proġetti tal-kura tas-saħħa (EUR 6.142 miljun), 2 % għall-enerġija (EUR 400 miljun) u 1 % rispettivament għall-ambjent (EUR 300 miljun) u għall-R&Ż (EUR 150 miljun).

# Anness VII – Fatturi ewlenin li jispjegaw id-differenzi tal-bidliet fil-proporzjonijiet tad-dejn pubbliku

**01** Il-varjazzjoni fiż-żidiet fid-dejn pubbliku mbassar, bħala sehem tal-PDG[59], hija xprunata l-aktar mid-daqs tad-defiċits mistennija u mill-aġġustamenti bejn l-istokk u l-flussi (bħal self pubbliku u injezzjonijiet ta' kapital stabbiliti matul il-kriżi), iżda wkoll mill-effett tat-tnaqqis fil-PDG. L-impatt tat-telf tal-PDG fuq il-proporzjonijiet tad-dejn huwa akbar f'pajjiżi bi proporzjonijiet għoljin ta' dejn (ara l-***Figura A***). Barra minn hekk, huwa mistenni tnaqqis kbir fil-PDG fil-biċċa l-kbira mill-pajjiżi b'dejn għoli (ara l-***Figura B***).

## Figura A – Kompożizzjoni tal-bidliet għad-dejn pubbliku fl-2020 (f'perċentwal tal-PDG)




*Sors:* it-tbassir tal-Kummissjoni għall-ħarifa (AMECO).

[59] Ibbażat fuq it-tbassir tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa (2020).

## Figura B – Tnaqqis akbar fil-PDG huwa mbassar f'pajjiżi b'dejn għoli




*Sors:* kalkoli tal-QEA bbażati fuq it-tbassir tal-Kummissjoni għall-ħarifa (2020).

# Anness VIII – Kwistjonijiet relatati mal-obbligu ta' rendikont fi ħdan il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

Fl-opinjoni tagħna dwar il-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[60], aħna niġbdu l-attenzjoni għal bosta kwistjonijiet relatati mal-obbligu ta' rendikont:

- Kemm l-ambitu kif ukoll l-objettivi tal-RRF huma pjuttost ġenerali u jkopru firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika. La hemm kwantifikazzjoni tar-riżultati mistennija fil-livell tal-UE u lanqas għall-allokazzjoni tal-fondi għal objettivi differenti. Madankollu, fil-gwida dwar l-RRPs, il-Kummissjoni ssuġġeriet l-allokazzjoni ta' 37 % tal-fondi għall-azzjoni klimatika u 20 % għat-tranżizzjoni diġitali;

- Fir-rigward tar-rwol tal-Parlament Ewropew f'dak li jirrigwarda l-għoti ta' sorveljanza u skrutinju, ir-Regolament dwar l-RRF propost[61] jipprevedi t-trażmissjoni tal-valutazzjoni tal-RRPs lill-Parlament Ewropew, kif ukoll il-preżentazzjoni ta' rapport annwali u ta' rapport ta' evalwazzjoni erba' snin wara li r-regolament jidħol fis-seħħ. Fl-opinjoni tagħna, aħna ssuġġerejna li jenħtieġ li r-rwol tal-Parlament Ewropew fil-proċedura baġitarja u ta' kwittanza jkun iddefinit b'mod ċar fir-Regolament dwar l-RRF propost, minħabba li n-nefqa tal-RRF se tiġi mmaniġġjata abbażi tar-regoli baġitarji tal-UE għad-dħul assenjat estern;

- L-Artikolu 287(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE jagħti s-setgħa lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex tawditja kwalunkwe dħul jew nefqa tal-Unjoni. Il-Premessa 40 tar-Regolament dwar l-RRF propost tevoka d-dmirijiet ta' kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni biex tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tagħti lill-QEA l-aċċess u d-drittijiet meħtieġa għall-awditi. Madankollu, għal raġunijiet ta' ċarezza, fl-opinjoni tagħna rrakomandajna li jenħtieġ li r-Regolament dwar l-RRF propost jipprevedi b'mod ċar id-dritt tal-QEA li tawditja kemm l-għotjiet kif ukoll il-komponent ta' self tal-RRF;

- Wara li ressqet il-proposta inizjali għal Regolament dwar l-RRF, il-Kummissjoni pproponiet regoli proporzjonati biex tiżgura l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, li kienu qed jiġu diskussi fiż-żmien meta dan ir-rapport analitiku kien qed jiġi kkompletat. Dawn huma riflessi parzjalment fil-kompromess tal-Presidenza u fl-emendi tal-Parlament Ewropew;

---

[60] L-Opinjoni Nru 6/2020 tal-QEA dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

[61] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (COM(2020) 408 final)

- Aħna osservajna li l-infiq taħt l-RRF jiġi fornut minn qabel u li l-evalwazzjoni se tiġi ppubblikata wara li jkun twettaq il-biċċa l-kbira mill-infiq. Dan jista' jkun inevitabbli minħabba li l-implimentazzjoni rapida hija wieħed mill-objettivi tal-faċilità. Hemm riskju li kwalunkwe tagħlima li tittieħed mill-evalwazzjoni tkun għalhekk ta' użu limitat għall-ġestjoni tal-bqija tal-perjodu kopert mill-RRF;
- Wara li l-faċilità tpoġġiet taħt il-koordinazzjoni tas-Semestru Ewropew, fir-rapport speċjali tagħna dwar is-Semestru Ewropew aħna ġbidna l-attenzjoni għall-isfida fil-kejl tal-effettività tal-intervent ta' politika għal objettivi u oqsma ta' intervent multipli u simultanji.

# Anness IX – Ideat preċedenti għal strumenti ta' koordinazzjoni ekonomika aktar ambizzjużi

**01** Il-pandemija wriet għal darb'oħra d-diffikultà tal-ġestjoni ta' skossi kbar fiż-żona tal-euro fin-nuqqas ta' kapaċità fiskali tal-UE. Qabel it-tifqigħa tal-pandemija ma kienx intlaħaq kunsens dwar xi ideat għall-bini ta' għodod fiskali permanenti tal-UE biex jiġu miġġielda l-iskossi ekonomiċi kbar. B'mod partikolari, matul in-negozjati tal-perjodu 2017-2019 tal-baġit pluriennali tal-UE li jmiss, il-Kummissjoni ressqet bosta ideat għal strumenti finanzjarji li jistgħu jimmitigaw l-iskossi makroekonomiċi kbar għall-ekonomija tal-UE:

- **Għodda ta' stabbilizzazzjoni makroekonomika** – f'Mejju 2018, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet li tistabbilixxi l-Funzjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investimenti bil-għan li tassorbi skossi makroekonomiċi asimmetriċi kbar fiż-żona tal-euro. Skont din is-soluzzjoni, il-baġit tal-UE jkun jiggarantixxi self back-to-back li jammonta sa EUR 30 biljun. Is-self ikun disponibbli għall-Istati Membri li jkunu qed jesperjenzaw tali skossi u li jikkonformaw ma' kriterji stretti ta' eliġibbiltà għal politiki fiskali u makroekonomiċi sodi. L-appoġġ kellu jintuża biex jinżammu l-livelli ta' investiment pubbliku. Filwaqt li l-NGEU għandu skop simili, huwa temporanju u l-mekkaniżmu ta' finanzjament tiegħu jinkludi kemm għotjiet kif ukoll self.

- **Skema Ewropea ta' riassigurazzjoni tal-qgħad** – idea mtennija f'bosta varjanti mill-Kummissjoni, l-ekonomisti u l-Istati Membri. L-iskema proposta mill-Kummissjoni[62] tkun taġixxi bħala "fond ta' riassigurazzjoni" għal skemi nazzjonali tal-qgħad (iżda ma tkunx tipprovdi benefiċċji direttament lill-persuni qiegħda. L-iskema tkun tipprovdi aktar spazju ta' manuvra għall-finanzi pubbliċi nazzjonali fi żminijiet ta' kriżi. Fil-programm ta' ħidma tagħha (Jannar 2020), il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tipproponi tali skema. Il-programm SURE jista' jitqies bħala l-ewwel pass lejn skema Ewropea għall-qgħad, iżda minħabba n-natura diskrezzjonali u l-ambitu limitat tiegħu huwa ma jissodisfax l-ambizzjonijiet tal-idea inizjali ta' stabbilizzatur awtomatiku.

- Fi tmiem l-2019, il-Grupp tal-Euro kien għadu qed janalizza soluzzjonijiet xierqa għal **strument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività** (BICC) taż-żona tal-euro li huwa mistenni li jiġi ffinanzjat mill-QFP li jmiss, li jkun jiffinanzja riformi li jsaħħu l-konverġenza bejn l-Istati Membri skont il-prijoritajiet tas-Semestru

[62] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/reflection-paper-emu_mt.pdf

Ewropew. Dan ikun jissostitwixxi l-proposta tal-Kummissjoni għal **Għodda għat-Twettiq ta' Riformi** li tnediet inizjalment f'Mejju 2018.

**02** L-idea ta' "Eurobonds" (bonds maħruġa b'mod konġunt mill-Istati Membri taż-żona tal-euro) tqajmet għall-ewwel darba mill-Kummissjoni fl-2011[63] matul il-kriżi tad-dejn sovran. Hekk kif il-kriżi tal-COVID-19 marret għall-agħar, tfaċċaw proposti ġodda għall-ħruġ ta' dejn konġunt fil-livell politiku, fi gruppi ta' riflessjoni u akkademiċi, bħal "Corona bonds". Il-fondi jistgħu jinġabru, pereżempju, mill-Bank Ewropew tal-Investiment. Bis-saħħa tal-mutwalizzazzjoni, il-corona bonds ikunu sors irħas ta' finanzjament għal ħafna Stati Membri meta mqabbla mal-bonds sovrani proprji tagħhom. Bosta Stati Membri, inklużi dawk li ntlaqtu l-agħar mill-kriżi, appoġġaw dan il-kunċett, iżda oħrajn opponewh bil-qawwa. Il-Fond tal-NGEU propost kien il-kompromess li rriżulta.

[63] "Green Paper dwar il-fattibbiltà tal-introduzzjoni ta' Bonds ta' Stabbiltà" (il-Kummissjoni, 2011).

# Akronimi u abbrevjazzjonijiet

**AMECO:** Bażi ta’ *data* makroekonomika annwali tad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-Kummissjoni Ewropea

**BĊE:** Il-Bank Ċentrali Ewropew

**BEI:** Il-Bank Ewropew tal-Investiment

**BERS:** Il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku

**CRII:** Inizjattiva ta’ Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus

**CSR:** Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi

**EBA:** L-Awtorità Bankarja Ewropea

**EIOPA:** L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol

**ESI:** Strument għall-Appoġġ ta’ Emerġenza

**ESMA:** L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq

**FEIS:** Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi

**FSIE:** Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej

**FSUE:** Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea

**ING:** Introjtu Nazzjonali Gross

**MES:** Mekkaniżmu Ewropew ta’ Stabbiltà

**MFI:** L-Istituzzjoni Finanzjarja Monetarja

**NGEU:** NextGenerationEU

**NPL:** Self improduttiv

**PCS:** Appoġġ fil-Kriżi Pandemika

**PDG:** Prodott Domestiku Gross

**PEGF:** Fond ta’ Garanzija pan-Ewropew

**QEA:** Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

**QFP:** Qafas Finanzjarju Pluriennali

**RRF:** Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

**RRP:** Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza

**SME:** Intrapriżi Żgħar u Medji

**SSI:** Strument ta' Appoġġ għas-Solvenza

**SURE:** Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza

**UE:** L-Unjoni Ewropea

# Glossarju

**Assistenza finanzjarja:** Appoġġ finanzjarju tal-UE (bħal self) mogħti lill-Istati Membri f'diffikultà finanzjarja biex jiġu restawrati għas-saħħa makroekonomika jew finanzjarja u jiġi żgurat li dawn huma kapaċi jissodisfaw l-obbligi tagħhom tas-settur pubbliku jew tal-bilanċ tal-pagamenti.

**Għajnuna mill-Istat:** Appoġġ, dirett jew indirett, li l-gvern jagħti għal negozju jew għal organizzazzjoni, u li jagħtihom vantaġġ meta mqabbla mal-kompetituri tagħhom.

**Istituzzjonijiet finanzjarji monetarji:** Banek ċentrali, istituzzjonijiet ta' kreditu residenti kif iddefiniti fid-dritt tal-UE, u istituzzjonijiet finanzjarji residenti oħra li n-negozju tagħhom huwa li jirċievu depożiti minn entitajiet oħra li mhumiex MFIs u li, f'isimhom stess, jagħtu krediti u/jew jagħmlu investimenti f'titoli.

**Qafas finanzjarju pluriennali:** Il-pjan ta' nfiq tal-UE li jistabbilixxi prijoritajiet (ibbażat fuq l-objettivi ta' politika) u limiti massimi, taħt sitt intestaturi prinċipali, ġeneralment għal perjodu ta' seba' snin. Huwa jipprovdi l-istruttura li fi ħdanha jiġu stabbiliti l-baġits annwali tal-UE, u jillimita l-ammont li jintefaq għal kull kategorija ta' nfiq. Il-QFP attwali jkopri l-perjodu 2014-2020.

**Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi:** Gwida ta' politika fformulata kull sena mill-Kummissjoni għall-Istati Membri dwar kif iżommu finanzi pubbliċi sodi. Il-Kummissjoni mbagħad tippreżentahom lill-Kunsill għall-approvazzjoni f'Lulju fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

**Self improduttiv (NPL):** Self li għalih il-pagamenti kienu ilhom dovuti għal perjodu ta' żmien speċifikat (normalment 90 jum), jew fejn ikun hemm evidenza li huwa probabbli li l-ħlas ma jingħatax lura sħiħ.

**Semestru Ewropew:** Ċiklu annwali ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika u baġitarja fl-UE li fih tingħata gwida ta' politika lill-Istati Membri.

**Stabilizzatur awtomatiku:** Komponent tal-politika fiskali li jvarja maċ-ċiklu kummerċjali (dħul mit-taxxa, infiq soċjali, eċċ.).

**Suq finanzjarju:** Suq għall-bejgħ u x-xiri ta' ishma, bonds, komoditajiet, muniti u assi finanzjarji oħra.

# Tim tal-QEA

Dan ir-rapport analitiku twettaq mill-Awla IV tal-Awditjar – li hija mmexxija minn Alex Brenninkmeijer, Membru tal-QEA – u li tiffoka fuq l-oqsma ta’ regolamentazzjoni tas-swieq u ekonomija kompetittiva.

Dan ir-rapport analitiku tmexxa minn Ildiko Gall-Pelcz, Membru tal-QEA, li ngħatat appoġġ minn Claudia Kinga Bara, Kap tal-Kabinett u Zsolt Varga, Attaché tal-Kabinett; Zacharias Kolias, Maniġer Prinċipali; Adrian Savin, Kap tal-Kompitu; Giuseppe Diana, Stefan-Razvan Hagianu, Kamila Lepkowska u Jacques Sciberras, Awdituri;
Adrian Williams (Appoġġ Lingwistiku), Alexandra Mazilu (Diżinjatur Grafiku);
Claudia Albanese u Zsolt Varga (ECALab).

**DRITTIJIET TAL-AWTUR**

© L-Unjoni Ewropea, 2020.

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija implimentata bid-Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA, li huwa proprjetà tal-UE, huwa liċenzjat taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat, dment li l-awturi jingħataw kreditu xieraq u li l-bidliet jiġu indikati. Il-persuni li jużaw mill-ġdid dan il-kontenut ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali tad-dokumenti. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Inti meħtieġ tikseb drittijiet addizzjonali ċari jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza. Fejn ikun inkiseb permess, tali permess għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, inti jista' jkun li jkollok titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid u inti ma għandekx il-liċenzja biex tużahom.

Il-familja ta' Siti Web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fi ħdan id-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, inti mħeġġeġ biex tirrieżamina l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

**Użu tal-logo tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri**

Ma jistax isir użu mil-logo tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha implimentaw varjetà ta' miżuri biex jiġi limitat u mitigat id-dannu ekonomiku kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa. Dan ir-rapport analitiku jipprovdi ħarsa ġenerali integrata lejn dawn il-miżuri li ttieħdu fil-livell nazzjonali sa Ġunju u fil-livell tal-UE sa Awwissu 2020. Ir-rapport analitiku jissenjala wkoll ir-riskji l-isfidi u l-opportunitajiet għall-futur tal-koordinazzjoni ekonomika tal-UE.

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors

CURIA RATIONUM

IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI